ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 154

Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 52

17 ta' Ġunju 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-kunsill (KE) Nru 491/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)** 1

2

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 491/2009

### tal-25 ta' Mejju 2009

### li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Sabiex jissemplifika l-ambjent regolatorju tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [2] ħassar, u ssostitwixxa b'att legali uniku, ir-regolamenti kollha li l-Kunsill kien adotta sa mill-introduzzjoni tal-PAK fil-qafas tal-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet komuni tas-swieq għal prodotti agrikoli u għal gruppi ta' prodotti.

(2) if ġie enfasizzat fir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS, dak l-att ta' semplifikazzjoni ma kellux jitfa' dubji fuq deċiżjonijiet ta' politika li ttieħdu matul is-snin fil-PAK. Għalhekk, ma kienx qed jipprevedi li jipprovdi għall-ebda strument ġdid jew miżura ġdida. Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS, b'hekk, jirrifletti d-deċiżjonijiet ta' politika li ttieħdu sal-waqt meta l-Kummissjoni pproponiet it-test tagħha.

(3) B'mod parallel man-negozjati u l-adozzjoni tar-Regolament Waħdieni dwar l-OKS, il-Kunsill beda jinnegozja wkoll riforma tal-politika fis-settur tal-inbid li issa ġiet iffinalizzata bl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid [3]. Kif ġie speċifikat fir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS, kienu biss dawk id-dispożizzjonijiet tas-settur tal-inbid li ma kinux soġġetti għal xi riforma tal-politika li ġew inizjalment inkorporati fir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS. Dawn id-dispożizzjonijiet sostantivi li kienu soġġetti għal emendi ta' politika kellhom jiġu inkorporati fir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS hekk kif dawn ikunu ġew promulgati. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet sostantivi issa ġew promulgati, is-settur tal-inbid għandu issa jiġi inkorporat bis-sħiħ fir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS billi jiddaħħlu d-deċiżjonijiet ta' politika li ttieħdu fir-Regolament (KE) Nru 479/2008 fir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS.

(4) L-inkorporazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS għandha ssegwi l-istess approċċ bħal dak segwit għall-adozzjoni tar-Regolament Waħdieni dwar l-OKS, jiġifieri billi ma jinxteħtux dubji fuq id-deċiżjonijiet ta' politika li ttieħdu meta dawk id-dispożizzjonijiet kienu ġew adottati mill-Kunsill jew fuq il-motivazzjoni għal dawk id-deċiżjonijiet ta' politika kif espressi fil-premessi rilevanti tar-Regolamenti rispettivi.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

(6) Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS inkorpora d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-applikabilità tar-regoli tal-kompetizzjoni taħt it-trattat fir-rigward tas-setturi koperti minnu. Sa dak il-mument, dawn id-dispożizzjonijiet kienu ġew inkorporati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 li japplika ċerti regoli tal-kompetizzjoni għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli [4]. Għaldaqstant, ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS jadatta l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006. Minħabba li s-settur tal-inbid ġie inkorporat bis-sħiħ fir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS, u peress li r-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fih ġew estiżi għal dak is-settur, għandha ssir dispożizzjoni biex dan is-settur jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006.

[1] Opinjoni tal-20 ta' Novembru 2008 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[3] ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.
[4] ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7.

(7) Huwa adatt li jiġi ċċarat li kwalunkwe element ta' għajnuna mill-istat li tista' tiġi inkluża fil-programmi ta' appoġġ nazzjonali msemmija f'dan ir-Regolament għandu jiġi evalwat fid-dawl tar-regoli sostantivi tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-istat. Peress li l-proċedura stabbilita b'dan ir-Regolament għall-approvazzjoni ta' dawk il-programmi ta' appoġġ tippermetti lill-Kummissjoni li tiżgura li r-regoli sostantivi tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-istat, u b'mod partikolari dawk imniżżlin fil-"Linji Gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-foresterija 2007 sa 2013" ([1]) jiġu rrispettati, mg'adna tkun meħtieġa l-ebda notifika ulterjuri skont l-Artikolu 88 tat-Trattat jew tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([2]).

(8) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa xieraq li jitfakkar li t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ma jaffettwax il-validità tal-ebda att legali adottat abbażi ta' dak l-att imħassar.

(9) Sabiex jiġi żgurat li l-bidla mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għal dawk previsti f'dan ir-Regolament ma tkunx ta' tfixkil għas-suq tal-inbid fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2008/2009, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2009,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, għandu jitħassar il-paragrafu 2;

2. il-punt li ġej, għandu jiddaħħal fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3:

"(ca) mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara għas-settur tal-inbid;";

3. l-Artikolu 55 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titolu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 55*

**Sistemi ta' kwoti u potenzjal tal-produzzjoni";**

(b) għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Fir-rigward tas-settur tal-inbid, ir-regoli dwar il-potenzjal ta' produzzjoni fir-rigward tat-taħwil illegali, id-drittijiet ta' taħwil tranżizzjonali kif ukoll skema għall-qlugħ tad-dwieli għandhom japplikaw skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima IVa";

4. it-Titolu tat-Taqsima IV tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Taqsima IV

**Regoli ta' proċedura li jikkonċernaw il-kwoti taz-zokkor, tal-ħalib u tal-lamtu tal-patata";**

5. fl-Artikolu 85, il-kliem introduttorju għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni tat-Taqsimiet I sa IIIa li jistgħu jikkonċernaw, b'mod partikolari:";

6. It-Taqsima li ġejja għandha tiġi miżjuda mal-Kapitolu III tat-Titolu 1 tal-Parti II:

"Taqsima IVA

**Potenzjal tal-produzzjoni fis-settur tal-inbid**

Subtaqsima I

**Taħwil illegali**

*Artikolu 85a*

**Taħwil illegali li jkun sar wara l-31 ta' Awwissu 1998**

1. Il-produtturi għandhom bi spejjeż tagħhom jaqilgħu mill-għeruq id-dwieli minn vinji, mingħajr dritt għal taħwil korrispondenti, fejn applikabbli, wara l-31 ta' Awwissu 1998.

2. Sakemm jinqalgħu d-dwieli, skont il-paragrafu 1, l-għeneb u l-prodotti magħmulin mill-għeneb miż-żoni msemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jiddaħħlu fis-suq għall-finijiet ta' distillazzjoni biss bl-ispejjeż esklussivament għall-produttur. Il-prodotti li jirriżultaw mid-distillazzjoni ma jistgħux jintużaw fil-fabbrikazzjoni ta' alkoħol b'qawwa alkoħolika reali ta' 80 % jew anqas.

3. Mingħajr preġudizzju, fejn applikabbli, għall-penali imposti mill-Istati Membri qabel, l-Istati Membri għandhom jimponu penali fuq il-produtturi li ma kkonformawx ma' dan l-obbligu tal-qlugħ mill-għeruq proporzjonali għall-gravità, il-livell u t-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' konformità.

([1]) ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

4. It-tmiem tal-projbizzjoni tranżizzjonali fuq it-taħwil ġdid fil-31 ta' Diċembru 2015, kif previst fl-Artikolu 85 g(1), m'għandux jaffettwa l-obbligi previsti f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 85b*

**Regolarizzazzjoni obbligatorja tat-taħwil illegali li jkun sar qabel l-1 ta' Settembru 1998**

1. Il-produtturi għandhom, permezz ta' ħlas ta' miżata u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, jirregolarizzaw żoni mħawlin b'vinji mingħajr dritt għal taħwil korrispondenti, fejn applikabbli, qabel l-1 ta' Settembru 1998.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċediment taħt l-approvazzjoni tal-kontijiet, l-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal żoni regolarizzati abbażi tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.

2. Il-miżata msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun stabbilita mill-Istati Membri. Din għandha tkun ekwivalenti talanqas għad-doppju tal-valur medju tad-dritt tat-taħwil korrispondenti fir-reġjun ikkonċernat.

3. Sakemm issir ir-regolarizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għeneb jew prodotti magħmulin minn għeneb miż-żoni msemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jiddaħħlu fis-suq għal finijiet ta' distillazzjoni biss bl-ispejjeż esklussivament għall-produttur. Il-prodotti ma jistgħux jintużaw fil-fabbrikazzjoni ta' alkoħol b'qawwa alkoħolika reali ta' 80 % volum jew anqas.

4. Il-produtturi kkonċernati għandhom jaqilgħu mill-għeruq id-dwieli minn vinji, spejjeż għalihom, minn dawk iż-zoni illegali msemmija fil-paragrafu 1 li ma jkunux regolarizzati skont dak il-paragrafu sal-31 ta' Diċembru 2009.

L-Istati Membri għandhom jimponu penali, proporzjonali għall-gravità, il-livell u t-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' konformità, fuq produtturi li ma jikkonformawx ma' dan l-obbligu tal-qlugħ mill-għeruq.

Sakemm isir il-qlugħ mill-għeruq imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-paragrafu 3 għandu japplika mutatis mutandis.

5. It-tmiem tal-projbizzjoni tranżizzjonali fuq taħwil ġdid fil-31 ta' Diċembru 2015, kif previst fl-Artikolu 85 g(1), m'għandux jolqot l-obbligi rregolati fil-paragrafi 3 u 4.

*Artikolu 85c*

**Verifika tan-nuqqas ta' ċirkolazzjoni jew distillazzjoni**

1. Fir-rigward tal-Artikolu 85a(2) u l-Artikolu 85b(3) u (4), l-Istati Membri għandhom jitolbu prova ta' nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-prodotti kkonċernati jew, fejn il-prodotti kkonċernati huma distillati, il-preżentazzjoni ta' kuntratti ta' distillazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw in-nuqqas ta' ċirkolazzjoni u d-distillazzjoni msemmijin fil-paragrafu 1. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, għandhom jimponu penali.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni biż-żoni soġġetti għad-distillazzjoni u l-volumi ta' alkoħol korrispondenti.

*Artikolu 85d*

**Miżuri ta' akkumpanjament**

Iż-żoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 85b(1), sakemm mhumiex irregolarizzati, u ż-żoni msemmijin fl-Artikolu 85a(1) m'għandhomx jibbenefikaw minn kwalunkwe miżura ta' appoġġ nazzjonali jew Komunitarja.

*Artikolu 85e*

**Miżuri implimentattivi**

Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' din is-Subtaqsima.

Dawn ir-regoli jistgħu jinkludu:

(a) dettalji dwar ir-rekwiżiti ta' komunikazzjoni tal-Istati Membri inkluż it-tnaqqis possibbli tal-allokazzjonijiet baġitarji msemmijin fl-Anness Xb fil-każ ta' nuqqas ta' konformità;

(b) dettalji tal-penali li għandhom jiġu imposti mill-Istati Membri fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi previsti fl-Artikoli 85a, 85b u 85c.

Subtaqsima II

**Sistema tranżizzjonali tad-dritt ta' taħwil**

*Artikolu 85f*

**Tul ta' żmien**

Din is-Subtaqsima għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 85g*

**Projbizzjoni tranżizzjonali tat-taħwil ta' dwieli**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 120a(1) sa (6) u b'mod partikolari l-paragrafu 4 tiegħu, it-taħwil ta' dwieli tal-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid klassifikabbli skont l-Artikolu 120a(2) għandu jkun projbit.

2. It-tilqim mill-ġdid ta' varjetajiet tal-għeneb tal-inbid klassifikabbli skont l-Artikolu 120a(2) għall-varjetajiet differenti mill-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid msemmijin f'dak l-Artikolu għandu jkun projbit ukoll.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, it-taħwil u t-tilqim mill-ġdid kif imsemmija f'dawk il-paragrafi għandhom ikunu permessi jekk koperti minn:

(a) dritt ta' taħwil ġdid, kif previst fl-Artikolu 85h;

(b) dritt ta' taħwil mill-ġdid, kif previst fl-Artikolu 85i;

(c) dritt ta' taħwil mogħti minn riserva, kif previst fl-Artikoli 85j u 85k.

4. Id-drittijiet tat-taħwil imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jingħataw f'ettari.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżommu l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fit-territorju tagħhom jew f'partijiet mit-territorju tagħhom l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru 2018. F'dawn il-każijiet ir-regoli li jirregolaw ir-reġim tranżizzjonali tad-dritt ta' taħwil kif stabbilit f'din is-Subtaqsima, inkluż dan l-Artikolu, għandhom japplikaw kif meħtieġ fl-Istat Membru rispettiv.

*Artikolu 85h*

**Drittijiet ta' taħwil ġdid**

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu drittijiet ta' taħwil ġdid lill-produtturi fir-rigward ta' żoni:

(a) maħsubin għal taħwil ġdid li jsir permezz tal-miżuri għall-konsolidazzjoni tal-art jew il-miżuri li jikkonċernaw xiri obbligatorju fl-interess pubbliku adottati taħt il-liġi nazzjonali;

(b) maħsubin għal finijiet sperimentali;

(c) maħsubin għal mixtliet għat-tilqim; jew

(d) li l-prodotti tal-inbid jew tad-dwieli tagħhom huma maħsubin biss għall-konsum mill-membri tal-unità domestika tal-produttur tal-inbid.

2. Id-drittijiet ta' taħwil ġdid mogħtija għandhom:

(a) jiġu eżerċitati mill-produttur li jingħatawlu;

(b) jintużaw qabel it-tmiem tat-tieni sena tal-imbid wara dik li ngħataw fiha;

(c) jintużaw għall-finijiet li ngħataw għalihom.

*Artikolu 85i*

**Drittijiet ta' taħwil mill-ġdid**

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu drittijiet ta' taħwil mill-ġdid lill-produtturi li jkunu qalgħu żona mħawla bid-dwieli.

Madankollu, iż-żoni li jiġu maqlugħin mill-għeruq u li għalihom ikun ingħata primjum għall-qlugħ mill-għeruq skont is-Subtaqsima III m'għandhomx jiġġeneraw drittijiet għal taħwil mill-ġdid.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu drittijiet ta' taħwil mill-ġdid lill-produtturi li jkunu impenjaw ruħhom li jaqilgħu żona mħawla bid-dwieli. F'dawn il-każijiet, il-qlugħ mill-għeruq miż-żona marbuta, li għalihom ingħataw id-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid, għandu jsir sa mhux aktar tard minn tmiem it-tielet sena minn meta tħawlu d-dwieli l-ġodda.

3. Id-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid għandhom jikkorrispondu b'ekwivalenza maż-żona li nqalgħu d-dwieli minnha f'termini ta' wċuħ puri.

4. Id-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid għandhom jiġu eżerċitati fuq l-azjendi li fir-rigward tagħhom ikunu ġew mogħtija. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw ukoll li dawn id-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid jistgħu jiġu eżerċitati biss fiż-żona fejn ikun sar il-qlugħ.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid jistgħu jiġu trasferiti, totalment jew parzjalment, lejn azjenda oħra fl-istess Stat Membru fil-każijiet li ġejjin:

(a) parti mill-azjenda kkonċernata tkun trasferita lejn dik l-azjenda l-oħra;

(b) żoni fuq dik l-azjenda l-oħra huma maħsuba:

(i) għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta; jew

(ii) għall-koltivazzjoni ta' mixtliet għat-tilqim.

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-applikazzjoni ta' dawn id-derogi previsti fl-ewwel subparagrafu ma twassalx għal żieda ġenerali fil-potenzjal tal-produzzjoni fit-territorju tagħhom, partikolarment meta jsiru trasferimenti minn żoni mhux imsoqqija għal żoni msoqqija.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal drittijiet simili għad-drittijiet għal taħwil mill-ġdid miksubin skont leġislazzjoni Komunitarja jew nazzjonali preċedenti.

7. Id-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid mogħtija skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 għandhom jintużaw matul il-perijodi previsti fih.

*Artikolu 85j*

**Riserva nazzjonali u reġjonali tad-drittijiet ta' taħwil**

1. Sabiex titjieb il-ġestjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni, l-Istati Membri għandhom joħolqu riserva nazzjonali jew riservi reġjonali ta' drittijiet ta' taħwil.

2. L-Istati Membri li stabbilixxew riservi nazzjonali jew reġjonali ta' drittijiet ta' taħwil taħt ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jistgħu jżommu dawk ir-riservi bil-kondizzjoni li huma japplikaw ir-reġim tranżizzjonali tad-dritt ta' taħwil skont din is-Subtaqsima.

3. Jekk ma jintużawx fiż-żmien preskritt, id-drittijiet ta' taħwil li ġejjin għandhom jiġu allokati lir-riservi nazzjonali jew reġjonali:

(a) drittijiet ta' taħwil ġdid;

(b) drittijiet ta' taħwil mill-ġdid;

(c) għoti ta' drittijiet ta' taħwil mir-riserva.

4. Il-produtturi jistgħu jittrasferixxu drittijiet ta' taħwil mill-ġdid għar-riservi nazzjonali jew reġjonali. Il-kondizzjonijiet ta' dan it-trasferiment, mogħti, fejn meħtieġ, għal pagament minn fondi nazzjonali, għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri b'qies għall-interessi leġittimi tal-partijiet.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jimplimentawx sistema ta' riserva sakemm ikunu jistgħu jagħtu prova li teżisti sistema alternattiva effettiva għall-ġestjoni tad-drittijiet ta' taħwil fit-territorju tagħhom. Is-sistema alternattiva tista', meta dan ikun meħtieġ, tidderoga mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din is-Subtaqsima.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll għal Stati Membri li jwaqqfu l-operat ta' riservi nazzjonali jew reġjonali taħt ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999.

*Artikolu 85k*

**L-għoti ta' drittijiet ta' taħwil mir-riserva**

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu drittijiet minn riserva:

(a) mingħajr ħlas, lill-produtturi li huma taħt l-età ta' 40 sena, li jkollhom ħiliet u kompetenzi tas-sengħa adegwati, li jkunu qegħdin jistabbilixxu ruħhom għall-ewwel darba u li jkunu stabbiliti bħala l-kap tal-azjenda;

(b) bi ħlas għal fondi nazzjonali jew, fejn xieraq, fondi reġjonali, lill-produtturi li jkunu biħsiebhom jużaw id-drittijiet sabiex iħawlu vinji li l-produzzjoni tagħhom għandhom żbokk assigurat għas-suq.

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-kriterji għall-iffissar tal-ammonti tal-ħlas imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, li jistgħu jvarjaw skont il-prodott finali intenzjonat tal-vinji kkonċernati u skont il-perijodu tranżizzjonali li jibqa' li matulu tapplika l-projbizzjoni fuq it-taħwil ġdid, kif previst fl-Artikoli 85 g(1) u (2).

2. Meta jintużaw drittijiet ta' taħwil mogħtija minn riserva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-post u l-varjetajiet u t-teknika ta' koltivazzjoni użati jiggarantixxu li l-produzzjoni sussegwenti hija adattata għad-domanda tas-suq;

(b) il-livelli ta' ħsad ikkonċernati huma tipiċi tal-medja fir-reġjun, b'mod partikolari fejn id-drittijiet ta' taħwil li oriġinaw f'żoni mhux imsoqqija jiġu użati f'żoni msoqqija.

3. Id-drittijiet ta' taħwil mogħtija minn riserva li ma jintużawx qabel tmiem it-tieni sena tal-inbid wara dik li fiha jkunu ngħataw jintilfu u jerġgħu jiġu allokati għar-riserva.

4. Id-drittijiet ta' taħwil f'riserva li ma jitħallsux qabel tmiem il-ħames sena tal-inbid wara l-allokazzjoni tagħhom għar-riserva għandhom jispiċċaw.

5. Jekk fi Stat Membru jeżistu riservi reġjonali, l-Istat Membru jista' jistabbilixxi regoli li jippermettu t-trasferiment tad-drittijiet ta' taħwil bejn riservi reġjonali. Jekk fi Stat Membru jeżistu kemm riservi reġjonali kif ukoll nazzjonali, dan jista' jippermetti wkoll trasferiment bejn dawk ir-riservi.

It-trasferimenti jistgħu jkunu soġġetti għal koeffiċjent ta' tnaqqis.

*Artikolu 85l*

**De minimis**

Din is-Subtaqsima m'għandhiex tapplika fi Stati Membri fejn ir-reġim Komunitarju tad-dritt għal tħawwil ma kienx japplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

*Artikolu 85m*

**Regoli nazzjonali aktar stretti**

L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali aktar stretti għall-għotja ta' drittijiet ta' taħwil ġdid jew ta' taħwil mill-ġdid. Dawn jistgħu jirrikjedu li l-applikazzjonijiet rispettivi u l-informazzjoni rilevanti meħtieġa jiġu ssupplimentati b'informazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-potenzjal tal-produzzjoni.

*Artikolu 85n*

**Miżuri implimentattivi**

Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' din is-Subtaqsima.

B'mod partikolari, dawn ir-regoli jistgħu jinkludu:

(a) dispożizzjonijiet sabiex jiġi evitat ħlas amministrattiv eċċessiv meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima;

(b) il-koeżistenza ta' dwieli permezz tal-Artikolu 85i(2);

(c) l-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 85k(5).

Subtaqsima III

**Skema tal-qlugħ mill-għeruq**

*Artikolu 85o*

**Tul ta' żmien**

Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima għandhom japplikaw sa tmiem is-sena tal-inbid 2010/2011.

*Artikolu 85p*

**Kamp ta' applikazzjoni u definizzjoni**

Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom il-vitikulturi għandhom jirċievu primjum bħala skambju għall-qlugħ mill-għeruq (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'primjum għall-qlugħ mill-għeruq').

*Artikolu 85q*

**Kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà**

Il-primjum għall-qlugħ mill-għeruq jista' jingħata biss jekk iż-żona kkonċernata tkun konformi ma' dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma rċevietx appoġġ Komunitarju jew nazzjonali għar-ristrutturazzjoni u għall-miżuri tal-konverżjoni matul l-aħħar għaxar snin tal-inbid preċedenti għat-talba tal-qlugħ mill-għeruq;

(b) ma rċevietx appoġġ Komunitarju taħt l-ebda organizzazzjoni oħra tas-suq komuni matul l-aħħar ħames snin tal-inbid preċedenti għat-talba tal-qlugħ mill-għeruq;

(c) hija kkoltivata;

(d) mhix iżgħar minn 0,1 ta' ettaru. Madankollu, jekk Stat Membru jiddeċiedi hekk, dak id-daqs minimu jista' jkun 0,3 ta' ettaru, f'ċerti reġjuni amministrattivi ta' dak l-Istat Membru li fih il-medja taż-żona mħawla bid-dwieli ta' azjenda tal-inbid teċċedi ettaru;

(e) ma ġiet imħawla kontra l-ebda leġislazzjoni Komunitarja jew nazzjonali applikabbli; u

(f) hija mħawla b'varjetà ta' għeneb tal-inbid klassifikabbli skont l-Artikolu 120a(2).

Minkejja l-punt (e) tal-ewwel subparagrafu, iż-żoni rregolarizzati skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u l-Artikolu 85b(1) ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli għall-primjum għall-qlugħ mill-għeruq.

*Artikolu 85r*

**Ammont tal-primjum għall-qlugħ mill-għeruq**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi skali għall-għoti ta' primjums għall-qlugħ tad-dwieli.

2. L-ammont speċifiku tal-primjum għall-qlugħ mill-għeruq għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri fl-iskali msemmija fil-paragrafu 1 u abbażi tal-livelli tal-ħsad tal-imgħoddi tar-raba' kkonċernat.

*Artikolu 85s*

**Proċedura u baġit**

1. Il-produtturi interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet għal premjum għall-qlugħ mill-għeruq lill-awtoritajiet rispettivi fl-Istati Membri sa mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru ta' kull sena. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw data aktar bikrija mill-15 ta' Settembru bil-kondizzjoni li din tkun aktar tard mit-30 ta' Ġunju u li jqisu, fejn applikabbli, l-applikazzjoni tagħhom tal-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 85u.

2. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-kontrolli amministrattivi rigward l-applikazzjonijiet riċevuti, jipproċessaw l-applikazzjonijiet eliġibbli u jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena, iż-żona u l-ammonti totali koperti f'dawk l-applikazzjonijiet, maqsumin skont ir-reġjun u skont il-firxa tal-livelli tal-ħsad.

3. Il-baġit annwali massimu għall-iskema tal-qlugħ tad-dwieli hija stabbilita fl-Anness Xd.

4. Sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, jekk l-ammont totali nnotifikat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jkun akbar mir-riżorsi tal-baġit disponibbli, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi perċentwal uniku għall-aċċettazzjoni tal-ammonti nnotifikati, b'kont meħud, fejn applikabbli, tal-applikazzjoni tal-Artikolu 85u(2) u (3).

5. Sa l-1 ta' Frar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-applikazzjonijiet:

(a) għaż-żoni totali li għalihom saru l-applikazzjonijiet jekk il-Kummissjoni ma stabbilietx perċentwal kif imsemmi fil-paragrafu 4; jew

(b) għaż-żoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 4 bbażat fuq kriterji oġġettivi u non-diskriminatorji u skont il-prijoritajiet li ġejjin:

(i) l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom għall-premjum ta' qlugħ mill-għeruq tkopri l-vinja sħiħa tagħhom;

(ii) l-Istati Membri għandhom jagħtu t-tieni prijorità lill-applikanti li m'għandhomx anqas minn 55 sena fejn l-Istati Membri jipprvodu hekk.

*Artikolu 85t*

**Kondizzjonalità**

Meta jinsab li bdiewa ma kinux konformi fl-azjenda tagħhom, fi kwalunkwe żmien matul tliet snin mill-pagament tal-premjum għall-qlugħ mill-għeruq, mar-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmijin fl-Artikoli 3 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-ammont tal-pagament, meta n-nuqqas ta' konformità huwa riżultat ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li ġejja mill-bidwi direttament, għandu jitnaqqas jew jiġi kkanċellat, parzjalment jew kompletament skont il-gravità, il-livell, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità. Fejn applikabbli, il-bidwi għandu jiġi ordnat iroddu lura skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet.

*Artikolu 85u*

**Eżenzjonijiet**

1. Stat Membru jista' jiddeċiedi li jirrifjuta aktar applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 85s(1) ladarba ż-żona totali li nqalgħet mill-għeruq fit-territorju tiegħu tilħaq it-8 % taż-żona tagħha li tkun imħawla bil-vinji kif imsemmi fl-Anness Xe.

Stat Membru jista' jiddeċiedi li jirrifjuta aktar applikazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 85s(1) għal reġjun ladarba ż-żona totali maqlugħa mill-għeruq f'dak ir-reġjun tilħaq l-10 % taż-żona tar-reġjun li tkun imħawla bil-vinji.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li twaqqaf l-applikazzjoni tal-iskema tal-qlugħ mill-għeruq fi Stat Membru jekk, b'kont meħud tal-applikazzjonijiet pendenti, it-tkomplija tal-qlugħ mill-għeruq tkun ser twassal għal żona totali maqlugħa mill-għeruq li tkun aktar minn 15 % taż-żona totali tal-Istat Membru li tkun imħawla bil-vinji kif imsemmi fl-Anness Xe.

3. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li twaqqaf l-applikazzjoni tal-iskema tal-qlugħ mill-għeruq fi Stat Membru jekk, b'kont meħud tal-applikazzjonijiet pendenti, it-tkomplija tal-qlugħ mill-għeruq tkun ser twassal għal żona totali maqlugħa mill-għeruq li tkun aktar minn 6 % taż-żona totali tal-Istat Membru li tkun imħawla bil-vinji kif imsemmi fl-Anness Xe f'dik is-sena partikolari tal-operat tal-iskema.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddikjaraw vinji f'muntanji u li jinsabu f'għoljiet weqfin, mhux eliġibbli għall-iskema tal-qlugħ mill-għeruq skont il-kondizzjonijiet li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddikjaraw żoni mhux eliġibbli għall-iskema tal-qlugħ mill-għeruq meta l-applikazzjoni tal-iskema ma tkunx kompatibbli ma' kwistjonijiet ambjentali. Dawk iż-żoni ddikjarati mhux eliġibbli m'għandhomx jeċċedu t-3 % taż-żona totali mħawla bid-dwieli kif imsemmi fl-Anness Xe.

6. Il-Greċja tista' tiddikjara żoni mħawla bil-vinji fil-gżejjer tal-Eġew u l-gżejjer Griegi tal-Baħar Jonju, bl-eċċezzjoni ta' Kreta u Eubia, mhux eliġibbli taħt l-iskema tal-qlugħ mill-għeruq.

7. L-iskema tal-qlugħ mill-għeruq stabbilita f'din is-Subtaqsima m'għandhiex tapplika għall-Azores, Madejra u l-Gżejjer Kanarji.

8. L-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-produtturi f'dawk iż-żoni li mhumiex eliġibbli jew iddikjarati mhux eliġibbli skont il-paragrafi 4 sa 7 skont il-miżuri l-oħra ta' appoġġ stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tas-settur tal-inbid, b'mod partikolari, fejn applikabbli, il-miżura ta' ristrutturazzjoni u konverżjoni skont il-programmi ta' appoġġ u l-miżuri ta' żvilupp rurali.

*Artikolu 85v*

**De minimis**

Din is-Subtaqsima m'għandhiex tapplika fi Stati Membri fejn il-produzzjoni tal-inbid ma taqbiżx il-50 000 ettolitru għal kull sena tal-inbid. Din il-produzzjoni għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-produzzjoni medja matul il-ħames snin tal-inbid preċedenti.

*Artikolu 85w*

**Għajnuna nazzjonali komplementari**

L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali komplementari li ma teċċedix il-75 % tal-primjum għall-qlugħ mill-għeruq applikabbli flimkien mal-primjum mogħti għall-qlugħ mill-għeruq.

*Artikolu 85x*

**Miżuri implimentattivi**

Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' din is-Subtaqsima.

B'mod partikolari, dawn ir-regoli jistgħu jinkludu:

(a) dettalji dwar il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 85q, b'mod partikolari fir-rigward tal-provi li ż-żoni ġew koltivati tajjeb fl-2006 u l-2007;

(b) l-iskali u l-ammonti tal-primjums imsemmija fl-Artikolu 85r;

(c) il-kriterji għal eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 85u;

(d) ir-rekwiżiti ta' rappurtar tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-iskema tal-qlugħ mill-għeruq, inklużi l-penali f'każ ta' dewmien fir-rappurtar u l-informazzjoni li l-Istati Membri jagħtu lill-produtturi dwar id-disponibbiltà tal-iskema;

(e) ir-rekwiżiti ta' rappurtar rigward l-għajnuna nazzjonali komplementari;

(f) skadenzi għall-pagamenti.";

7. it-Taqsima li ġejja għandha tiddaħħal fil-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II:

"Taqsima IVb

**Programmi ta' Appoġġ fis-settur tal-inbid**

Subtaqsima I

**Dispożizzjonijiet introduttorji**

*Artikolu 103i*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-għoti ta' fondi Komunitarji lill-Istati Membri u l-użu ta' dawk il-fondi mill-Istati Membri permezz ta' programmi ta' appoġġ nazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'programmi ta' appoġġ') biex jiffinanzjaw miżuri ta' appoġġ speċifiċi li jassistu s-settur tal-inbid.

*Artikolu 103j*

**Kompatibbiltà u konsistenza**

1. Il-programmi ta' appoġġ għandhom ikunu kompatibbli mal-liġi Komunitarja u konsistenti mal-attivitajiet, il-politika u l-prijoritajiet tal-Komunità.

2. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-programmi ta' appoġġ u jiżguraw li jkunu internalment konsistenti u mfasslin u implimentati b'mod oġġettiv, b'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika tal-produtturi kkonċernati u l-ħtieġa li jiġi evitat trattament mhux ugwali u inġustifikat bejn il-produtturi.

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli sabiex jagħmlu provvedimenti għal, u jwettqu, il-kontrolli u l-penali neċessarji f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-programmi ta' appoġġ.

3. L-ebda appoġġ m'għandu jingħata:

(a) għal proġetti ta' riċerka u miżuri biex jappoġġaw proġetti ta' riċerka;

(b) għal miżuri li jinsabu fil-programmi ta' żvilupp rurali tal-Istati Membri taħt ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

Subtaqsima II

**Preżentazzjoni u kontenut tal-programmi ta' appoġġ**

*Artikolu 103k*

**Preżentazzjoni tal-programmi ta' appoġġ**

1. Kull Stat Membru produttur imsemmi fl-Anness Xb għandu jippreżenta lill-Kummissjoni abbozz ta' programm ta' appoġġ għal ħames snin li jkun fih miżuri konformi ma' din it-Taqsima.

Il-programmi ta' appoġġ li jsiru applikabbli skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom jibqgħu japplikaw taħt dan ir-Regolment.

Il-miżuri ta' appoġġ fil-programmi ta' appoġġ għandhom jitfasslu fil-livell ġeografiku li l-Istati Membri jqisu l-aktar xieraq. Qabel ma jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, il-programm ta' appoġġ għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni mal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kompetenti fil-livell territorjali adegwat.

Kull Stat Membru għandu jippreżenta abbozz uniku ta' programm ta' appoġġ, li jista' jakkomoda karatteristiċi partikolari reġjonali.

2. Il-programmi ta' appoġġ għandhom jibdew japplikaw tliet xhur wara li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.

Madankollu, jekk il-programm ta' appoġġ ippreżentat ma jkunx konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru b'dan. F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu jippreżenta programm ta' appoġġ rivedut lill-Kummissjoni. Il-programm rivedut isir applikabbli xahrejn wara n-notifika sakemm ma jkunx għad hemm xi inkompatibbiltà f'liema każ għandu japplika dan is-subparagrafu.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika mutatis mutandis għal bidliet fi programmi ta' appoġġ ippreżentati mill-Istati Membri.

4. L-Artikolu 103 l m'għandux japplika meta l-unika miżura ta' Stat Membru fi programm ta' appoġġ tkun tikkonsisti mit-trasferiment għall-Iskema ta' Pagament Uniku msemmija fl-Artikolu 103o. F'dan il-każ, l-Artikolu 188a(5) għandu japplika biss fir-rigward tas-sena li fiha jseħħ it-trasferiment u l-Artikolu 188a(6) m'għandux japplika.

*Artikolu 103l*

**Kontenut tal-programmi ta' appoġġ**

Il-programmi ta' appoġġ għandhom jikkonsistu mill-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri proposti kif ukoll l-għanijiet ikkwantifikati tagħhom;

(b) ir-riżultati ta' konsultazzjonijiet li saru;

(c) valutazzjoni li turi l-impatt tekniku, ekonomiku, ambjentali u soċjali mistenni;

(d) skeda għall-implimentazzjoni tal-miżuri;

(e) tabella tal-finanzjament ġenerali li turi r-riżorsi li ser jintużaw u l-allokazzjoni indikattiva mbassra tar-riżorsi bejn il-miżuri skont il-limiti previsti fl-Anness Xb;

(f) il-kriterji u l-indikaturi kwantitattivi li ser jintużaw għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni kif ukoll il-passi meħuda sabiex jiżguraw li l-programmi ta' appoġġ jiġu implimentati b'mod xieraq u effettiv; u

(g) isem l-awtoritajiet u l-entitajiet kompetenti responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ.

*Artikolu 103m*

**Miżuri eliġibbli**

1. Il-programmi ta' appoġġ għandu jkun fihom waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

(a) appoġġ għall-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Artikolu 103o;

(b) promozzjoni skont l-Artikolu 103p;

(c) ir-ristrutturazzjoni u l-konverżjoni ta' vinji skont l-Artikolu 103q;

(d) ħsad bikri skont l-Artikolu 103r;

(e) fondi komuni ta' investiment skont l-Artikolu 103s;

(f) assigurazzjoni tal-ħsad skont l-Artikolu 103t;

(g) investimenti skont l-Artikolu 103u;

(h) distillazzjoni ta' prodotti sekondarji skont l-Artikolu 103v;

(i) distillazzjoni ta' alkohol tajjeb għax-xorb skont l-Artikolu 103w;

(j) distillazzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 103x;

(k) l-użu ta' most tal-għeneb konċentrat skont l-Artikolu 103y.

2. Il-programmi ta' appoġġ m'għandhomx jinkludu miżuri oħrajn għajr dawk elenkati fl-Artikoli 103o u 103y.

*Artikolu 103n*

**Regoli ġenerali dwar il-programmi ta' appoġġ**

1. L-allokazzjoni tal-fondi Komunitarji disponibbli kif ukoll il-limiti tal-baġit huma previsti fl-Anness Xb.

2. L-appoġġ Komunitarju għandu jingħata biss għal spejjeż eliġibbli mġarrba wara l-preżentazzjoni tal-programm ta' appoġġ rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 103k(l).

3. L-Istati Membri m'għandhomx jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' miżuri ffinanzjati mill-Komunità taħt il-programmi ta' appoġġ.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali skont ir-regoli Komunitarji rilevanti dwar għajnuna mill-Istat għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 103p, 103t u 103u.

Ir-rata massima ta' għajnuna kif stabbiliti fir-regoli Komunitarji rilevanti dwar għajnuniet mill-Istat għandha tapplika għall-finanzjament pubbliku globali inklużi kemm fondi Komunitarji kif ukoll nazzjonali.

Subtaqsima III

**Miżuri speċifiċi ta' appoġġ**

*Artikolu 103o*

**Skema ta' Pagament Uniku u appoġġ lill-vitikulturi**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ lill-vitikulturi billi jallokawlhom drittijiet għal pagamenti fis-sens tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 skont il-punt O tal-Anness VII għal dak ir-Regolament.

2. L-Istati Membri li jkollhom il-ħsieb li jagħmlu użu mill-possibbiltà msemmija fil-paragrafu 1, għandhom jipprevedu tali appoġġ fil-programmi ta' appoġġ tagħhom inkluż, fir-rigward ta' trasferimenti sussegwenti ta' fondi għall-Iskema ta' Pagament Uniku, bħala tibdil għal dawk il-programmi skont l-Artikolu 103k(3).

3. Malli jkun effettiv, l-appoġġ kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu:

(a) jibqa' fl-Iskema ta' Pagament Uniku u ma jibqax disponibbli, jew isir disponibbli taħt l-Artikolu 103k(3), għall-miżuri elenkati fl-Artikoli 103p sa 103y fis-snin sussegwenti għall-operazzjoni tal-programmi ta' appoġġ;

(b) inaqqas b'mod proporzjonat l-ammont ta' fondi disponibbli għall-miżuri elenkati fl-Artikoli 103p sa 103y fil-programmi ta' appoġġ.

*Artikolu 103p*

**Promozzjoni fis-swieq tal-pajjiżi terzi**

1. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkopri miżuri informattivi u promozzjonali dwar inbejjed Komunitarji f'pajjiżi terzi, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tagħhom f'dawk il-pajjiżi.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jirriferu għall-inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta jew inbejjed b'indikazzjoni tal-varjetà tal-għeneb tal-inbid.

3. Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jikkonsistu biss minn:

(a) relazzjonijiet pubbliċi, miżuri promozzjonali jew pubbliċitarji, b'mod partikolari l-enfasi fuq il-vantaġġi tal-prodotti Komunitarji, speċjalment rigward kwalità, sikurezza tal-ikel jew il-protezzjoni tal-ambjent;

(b) parteċipazzjoni f'avvenimenti, fieri jew eżibizzjonijiet ta' importanza internazzjonali;

(c) kampanji informattivi, b'mod partikolari dwar is-sistemi Komunitarji li jkopru denominazzjonijiet tal-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u l-produzzjoni organika;

(d) studji ta' swieq ġodda, meħtieġa għat-tkabbir tas-swieq;

(e) l-istudji sabiex jiġu evalwati r-riżultati tal-miżuri ta' informazzjoni u promozzjoni.

4. Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-attivitajiet promozzjonali ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-infiq eliġibbli.

*Artikolu 103q*

**Ristrutturazzjoni u trasformazzjoni tal-vinji**

1. L-għan tal-miżuri relatati mar-ristrutturazzjoni u t-trasformazzjoni tal-vinji għandu jkun li tiżdied il-kompetittività tal-produtturi tal-inbid.

2. Ir-ristrutturazzjoni u t-trasformazzjoni tal-vinji għandhom ikunu appoġġjati skont dan l-Artikolu fil-każ biss li l-Istati Membri jippreżentaw inventarju tal-potenzjal tal-produzzjoni tagħhom skont l-Artikolu 185a(3).

3. L-appoġġ għar-ristrutturazzjoni u t-trasformazzjoni tal-vinji jista' jkopri biss waħda jew aktar minn dawn l-attivitajiet li ġejjin:

(a) trasformazzjoni varjetali, inkluż permezz ta' tilqim mill-ġdid;

(b) rilokazzjoni ta' vinji;

(c) titjib fit-teknika tal-ġestjoni tal-vinji.

L-iskema m'għandhiex tkopri t-tiġdid normali ta' vinji li jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom.

4. L-appoġġ għar-ristrutturazzjoni u t-trasformazzjoni tal-vinji jista' jieħu l-forom li ġejjin biss:

(a) kumpens lill-produtturi għat-telf fid-dħul minħabba l-implimentazzjoni tal-miżura;

(b) kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' ristrutturar u trasformazzjoni.

5. Kumpens lill-produtturi għat-telf fid-dħul kif imsemmi fil-paragrafu 4(a) jista' jkopri sa 100 % tat-telf rilevanti u jieħu waħda minn dawn il-forom li ġejjin:

(a) minkejja s-Subtaqsima II tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II li tistabbilixxi r-reġim tranżizzjonali rigward id-drittijiet tat-taħwil, il-permess biex kemm id-dwieli qodma kif ukoll dawk ġodda jikkoeżistu għal perijodu fiss li m'għandux jaqbeż it-tliet snin, sa tmiem ir-reġim tranżizzjonali rigward id-drittijiet tat-taħwil;

(b) kumpens finanzjarju.

6. Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-ispejjeż reali ta' ristrutturazzjoni u trasformazzjoni tal-vinji m'għandhiex taqbeż il-50 %. F'reġjuni kklassifkati bħala reġjuni ta' konverġenza skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (*), il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-ispejjeż ta' ristrutturazzjoni u trasformazzjoni m'għandhiex taqbeż il-75 %.

*Artikolu 103r*

**Ħsad bikri**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ħsad bikri tfisser il-qerda totali jew il-qtugħ ta' għenieqed tal-għeneb meta jkunu għadhom ma sarux, u b'hekk il-produzzjoni tażżona rilevanti titnaqqas kompletament fix-xejn.

2. L-appoġġ għal ħsad bikri għandu jikkontribwixxi sabiex jerġa' jinkiseb il-bilanc bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tal-inbid fil-Komunità, sabiex jiġu evitati kriżijiet fis-suq.

3. L-appoġġ għal ħsad bikri jista' jingħata bħala kumpens f'forma ta' pagament b'rata fissa għal kull ettaru li trid tiġi stabbilita mill-Istat Membru kkonċernat.

Il-pagament m'għandux jaqbeż il-50 % tas-somma tal-ispejjeż diretti tal-qerda jew il-qtugħ ta' għenieqed tal-għeneb u t-telf fid-dħul relatati ma' tali qerda jew qtugħ.

4. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu sistema bbażata fuq kriterji oġġettivi sabiex jiżguraw li l-miżura ta' ħsad bikri ma twassalx għal kumpens għal produtturi individwali tal-inbid ogħla mil-limiti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3.

*Artikolu 103s*

**Fondi komuni ta' investiment**

1. L-appoġġ għall-istabbiliment ta' fondi *komuni ta' investiment* għandu jipprovdi għajnuna lill-produtturi li jfittxu li jassiguraw ruħhom kontra ċaqliq fis-suq.

2. L-appoġġ għall-istabbiliment ta' fondi *komuni ta' investiment* jista' jingħata fil-forma ta' għajnuna temporanja u digressiva biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi tal-fondi.

*Artikolu 103t*

**Assigurazzjoni tal-ħsad**

1. L-appoġġ għall-assigurazzjoni tal-ħsad għandu jikkontribwixxi sabiex jipproteġi d-dħul tal-produtturi meta jintlaqtu minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi, mard jew infestazzjonijiet mid-dud.

2. L-appoġġ għal assigurazzjoni fuq ħsad jista' jingħata fil-forma ta' kontribuzzjoni Komunitarja finanzjarja li ma tistax taqbeż:

(a) it-80 % tal-ispiża tal-primjums tal-assigurazzjoni mħallsin mill-produtturi għall-assigurazzjoni kontra telf li jirriżulta minn avvenimenti klimatiċi negattivi li jistgħu jitqiesu bħala diżastri naturali;

(b) il-50 % tal-ispiża tal-primjums tal-assigurazzjoni imħallsa mill-produtturi għall-assigurazzjoni kontra:

(i) telf imsemmi fil-punt (a) u kontra telf ieħor ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi negattivi;

(ii) telf ikkawżat minn annimali, mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet mid-dud.

3. L-appoġġ għall-assigurazzjoni fuq il-ħsad jista' jingħata biss jekk il-pagamenti ta' kumpens ikkonċernati kkumpensati lill-produtturi mill-assigurazzjoni ma jkunux aktar minn 100 % tat-telf imġarrab fid-dħul, waqt li jitqies kwalunkwe kumpens li l-produtturi setgħu ħadu minn skemi oħra ta' appoġġ relatati mar-riskju assigurat.

4. L-appoġġ għall-assigurazzjoni fuq ħsad m'għandux jgħawweġ il-kompetizzjoni fis-suq tal-assigurazzjoni.

*Artikolu 103u*

**Investimenti**

1. Jista' jingħata appoġġ għal investimenti tanġibbli jew intanġibbli f'faċilitajiet ta' pproċessar, infrastruttura għall-produzzjoni tal-inbid u kummerċalizzazzjoni ta' nbid, li jtejbu l-prestazzjoni ġenerali tal-intrapriżi u li jikkonċerna wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) il-produzzjoni jew il-kummerċalizzazzjoni ta' prodotti msemmijin fl-Anness XIb;

(b) l-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda relatati mal-prodotti msemmijin fl-Anness XIb.

2. L-appoġġ bl-ogħla rata skont il-paragrafu 1 għandu jkun limitat għall-mikrointrapriżi u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-sens tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' mikro-intrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (**). Għat-territorji tal-Azores, il-Madejra, il-Gżejjer Kanarji, l-iżgħar gżejjer tal-Eġew fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 u għat-territorji *extra*-Ewropej ta' Franza, m'għandu japplika l-ebda limitu fuq id-daqs tar-rata massima. Għall-intrapriżi li m'humiex koperti mill-Artikolu 2(1) tat-Titolu I tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni Nru 2003/361/KE b'inqas minn 750 impjegat jew b'fatturat ta' inqas minn 200 miljun EUR, l-intensità tal-għajnuna massima għandha titnaqqas bin-nofs.

M'għandux jingħata appoġġ lill-intrapriżi f'diffikultajiet fis-sens tal-linji gwida Komunitarji dwar Għajnuna mill-Istat sabiex ikunu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultajiet.

3. L-infiq eliġibbli għandu jeskludi l-elementi msemmijin fl-Artikolu 71(3)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

4. Dawn ir-rati massimi ta' għajnuna f'relazzjoni mal-ispejjeż eliġibbli ta' investiment għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni Komunitarja:

(a) 50 % f'reġjuni kklassifikati bħala reġjuni ta' konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006;

(b) 40 % f'reġjuni għajr ir-reġjuni ta' konverġenza;

(c) 75 % fir-reġjuni l-aktar imbegħda skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006;

(d) 65 % fl-iżgħar Gżejjer tal-Eġew fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006.

5. L-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu japplika mutatis mutandis għall-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 103v*

**Distillazzjoni tal-prodotti sekondarji**

1. Jista' jingħata appoġġ għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid li twettqet skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt D tal-Anness XVb.

L-ammont ta' għajnuna għandu jkun stabbilit għal kull % ta' volum u għal kull ettolitru ta' alkoħol li jkun prodott. M'għandha tingħata l-ebda għajnuna għall-volum ta' alkoħol li jinsab f'dawk il-prodotti sekondarji għad-distillazzjoni li jeċċedi l-10 % f'relazzjoni mal-volum ta' alkoħol li jinsab fl-inbid prodott.

2. Il-livelli massimi ta' għajnuna applikabbli għandhom ikunu bbażati fuq l-ispejjeż ta' ġbir u pproċessar u jkunu stabbiliti mill-Kummissjoni.

3. L-alkoħol li jirriżulta mid-distillazzjoni li ngħatat l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża esklussivament għal skopijiet industrijali jew ta' enerġija, sabiex tiġi evitata t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

*Artikolu 103w*

**Distillazzjoni tal-alkoħol potabbli**

1. Jista' jingħata appoġġ sal-31 ta' Lulju 2012 lill-produtturi, għall-inbid distillat f'alkoħol tajjeb għax-xorb fil-forma ta' għajnuna għal kull ettaru.

2. Il-kuntratti rilevanti dwar id-distillazzjoni tal-inbid kif ukoll il-provi rilevanti tal-kunsinni għad-distillazzjoni għandhom jiġu ppreżentati qabel ma jingħata l-appoġġ.

*Artikolu 103x*

**Distillazzjoni ta' kriżi**

1. Għandu jingħata appoġġ sal-31 ta' Lulju 2012 għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja ta' nbid żejjed skont kif jiġi deċiż mill-Istati Membri f'każijiet ta' kriżi ġustifikati, sabiex jitnaqqas jew jiġi eliminat l-eċċess u fl-istess ħin tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvista minn ħsad għall-ieħor.

2. Il-livelli massimi ta' għajnuna applikabbli għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni.

3. L-alkoħol li jirriżulta mid-distillazzjoni li ngħatat l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża esklussivament għall-iskopijiet industrijali jew ta' enerġija, sabiex jiġi evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

4. Is-sehem tal-baġit disponibbli użat għall-miżura ta' distillazzjoni ta' kriżi m'għandux ikun akbar mill-ishma ta' perċentwali li ġejjin kif ikkalkulati meta mqabbel l-fondi disponibbli globalment stipulati fl-Anness Xb għal kull Stat Membru fis-sena baġitarja rispettiva:

— 20 % fl-2009,

— 15 % fl-2010,

— 10 % fl-2011,

— 5 % fl-2012.

5. L-Istati Membri jistgħu jżidu l-fondi disponibbli għall-miżura ta' distillazzjoni ta' kriżi 'l fuq mil-limiti annwali previsti fil-paragrafu 4 bħala mezz ta' kontribuzzjoni ta' fondi nazzjonali skont il-limiti li ġejjin (espressi f'termini ta' perċentwali tal-limitu massimu annwali rispettiv mogħti fil-paragrafu 4):

— 5 % fis-sena tal-inbid 2010,

— 10 % fis-sena tal-inbid 2011,

— 15 % fis-sena tal-inbid 2012.

L-Istati Membri għandhom, fejn applikabbli, jinnotifikaw lill-Kummissjoni biż-żieda tal-fondi nazzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu u l-Kummissjoni għandha tapprova t-tranżazzjoni qabel ma jsiru disponibbli tali fondi.

*Artikolu 103y*

**Użu ta' most tal-għeneb konċentrat**

1. Jista' jingħata appoġġ sal-31 ta' Lulju 2012 lill-produtturi tal-inbid li jużaw most tal-għeneb konċentrat, inkluż most tal-għeneb konċentrat irrettifikat sabiex tiżdied is-saħħa alkoħolika naturali tal-prodotti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVa.

2. L-ammont tal-għajnuna għandu jiġi stabbilit għal kull % ta' volum ta' saħħa alkoħolika potenzjali u għal kull ettolitru tal-most użat għall-arrikkiment.

3. Il-livelli massimi ta' għajnuna applikabbli għal din il-miżura fid-diversi żoni ta' viltikultura għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni.

*Artikolu 103z*

**Kondizzjonalità**

Fejn bdiewa jinstabu li ma kkonformawx fl-azjenda tagħhom, fi kwalunkwe żmien matul tliet snin mill-pagament taħt il-programmi ta' appoġġ għal ristrutturazzjoni u trasformazzjoni jew fi kwalunkwe żmien f'sena mill-pagament taħt il-programmi ta' appoġġ għall-ħsad bikri, mar-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-ammont tal-pagament għandu, meta n-nuqqas ta' konformità huwa riżultat ta' azzjoni jew ta' nuqqas ta' azzjoni li ġej direttament min-naħa tal-bidwi, jitnaqqas jew jiġi kkanċellat, parzjalment jew kompletament skont il-gravità, il-livell, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità, u fejn applikabbli, il-bidwi għandu jiġi ordnat irodd lura l-pagament skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet.

Subtaqsima IV

**Dispożizzjonijiet proċedurali**

*Artikolu 103za*

**Miżuri implimentattivi**

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima.

B'mod partikolari, dawk il-miżuri jistgħu jinkludu:

(a) il-format għall-preżentazzjoni tal-programmi ta' appoġġ;

(b) regoli għal bidliet fil-programmi ta' appoġġ wara li jkunu saru applikabbli;

(c) regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikoli 103p sa 103y;

(d) il-kondizzjonijiet li fuqhom għandha tkun ikkomunikata u ppubblikata l-għajnuna mill-fondi Komunitarji.

(*) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
(**) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36."

8. l-intestatura tal-Kapitolu 1 tat-Titolu II tal-Parti II għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"*KAPITOLU I*

**Regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-produzzjoni**";

9. l-intestatura tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu II tal-Parti II għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Taqsima I

**Regoli għall-kummerċjalizzazzjoni**";

10. l-Artikoli li ġejjin għandhom jiddaħħlu:

"*Artikolu 113c*

**Regoli għall-kummerċalizzazzjoni sabiex itejbu u jistabbilizzaw l-operat tas-suq komuni tal-inbejjed**

1. Sabiex itejbu u jistabbilizzaw l-operat tl-Istati Membru produtturi jistgħu jistabbilixxu regoli ta' kummerċjalizzazzjoni biex jirregolaw il-provvista, b'mod partikolari permezz ta' deċiżjonijiet implimentattivi meħuda mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali msemmija fl-Artikoli 123(3) u 125o.

Dawn ir-regoli għandhom ikunu proporzjonati mal-objettiv mixtieq u m'għandhomx:

(a) ikunu relatati ma' kwalunkwe tranżazzjoni wara l-ewwel kummerċjalizzazzjoni tal-prodott ikkonċernat;

(b) jippermettu l-iffissar tal-prezz, inkluż meta l-prezzijiet huma stabbiliti bħala gwida jew rakkomandazzjoni;

(c) jirrendu indisponibbli proporzjon eċċessiv tal-ħsad li b'mod ieħor kien ikun disponibbli;

(d) jipprovdu l-ambitu sabiex jirrifjutaw li joħorġu ċ-ċertifikati nazzjonali u Komunitarji meħtieġa għaċ-ċirkolazzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-inbejjed meta din il-kummerċjalizzazzjoni ssir skont dawk ir-regoli.

2. Ir-regoli msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-operaturi b'pubblikazzjoni in extenso f'pubblikazzjoni uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

3. L-obbligu ta' rappurtar imsemmi fl-Artikolu 125o(3) għandu japplika wkoll fir-rigward tad-deċiżjonijiet jew l-azzjonijiet li jittieħdu mill-Istati Membri skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 113d*

**Disposizzjonijiet speċifiċi għall-kummerċjalizzazzjoni tal-inbid**

1. Denominazzjoni għal kategorija ta' prodott tad-dwieli kif previst fl-Anness XIb tista' tintuża fil-Komunità biss fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott li huwa konformi mal-kondizzjonijiet korrispondenti stabbiliti f'dak l-Anness.

Madankollu, minkejja l-Artikolu 118y(1)(a), l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu tat-terminu 'inbid' jekk:

(a) ikun akkumpanjat mill-isem ta' frotta fil-forma ta' isem kompost għal prodotti tas-suq miksubin mill-fermentazzjoni ta' frott ieħor għajr l-għeneb; jew

(b) ikun parti minn isem kompost.

Għandha tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni ma' prodotti li jikkorrispondu mal-kategoriji tal-inbid fl-Anness XIb.

2. Il-kategoriji ta' prodotti tad-dwieli elenkati fl-Anness XIb jistgħu jiġu modifikati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4).

3. Ħlief għall-inbid fil-fliexken li fir-rigward tiegħu jkun hemm evidenza li t-tqegħid fil-fliexken ikun sar qabel l-1 ta' Settembru 1971, l-inbid magħmul mill-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid elenkati fil-klassifikazzjonijiet imfassla skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 120a(2) imma li mhux konformi ma' waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Anness XIb, jista' jintuża biss għall-konsum mill-familji individwali tal-produtturi tal-inbid, għall-produzzjoni ta' ħall tal-inbid jew għad-distillazzjoni.";

11. it-Taqsimiet li ġejjin, għandhom jiddaħħlu fil-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Parti II:

"Taqsima Ia

**Denominazzjonijiet tal-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid**

*Artikolu 118a*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Ir-regoli relatati mad-denominazzjonijiet tal-oriġini, l-indikazzjonijiet ġeografiċi u t-termini tradizzjonali stabbiliti f'din it-Taqsima għandhom japplikaw għall-prodotti msemmija fil-paragrafi 1, 3 sa 6, 8, 9, 11, 15 u 16 tal-Anness XIb.

2. Ir-regoli msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq:

(a) il-protezzjoni tal-interessi leġittimi:

(i) tal-konsumaturi, u

(ii) tal-produtturi;

(b) l-assigurazzjoni ta' thaddim bla xkiel tas-suq komuni fil-prodotti kkonċernati; u

(c) il-promozzjoni tal-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità, filwaqt li jiġu permessi miżuri nazzjonali ta' politika ta' kwalità.

Subtaqsima I

**Denominazzjonijiet tal-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi**

*Artikolu 118b*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(a) 'denominazzjoni tal-oriġini' tfisser l-isem ta' reġjun, post speċifiku jew, f'każijiet eċċezzjonali, pajjiż li jintuża sabiex jiddeskrivi prodott imsemmi fl-Artikolu 118a(1) li huwa konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kwalità u l-karatteristiċi tiegħu huma essenzjalment jew esklussivament ġejjin minn ambjent ġeografiku partikolari bil-fatturi naturali u umani inerenti tiegħu;

(ii) l-għeneb li minnu hu prodott jiġi esklussivament minn din iż-żona ġeografika;

(iii) il-produzzjoni tiegħu ssir f'din iż-żona ġeografika; u

(iv) huwa magħmul minn varjetajiet ta' dwieli tal-ispeċi Vitis vinifera;

(b) 'indikazzjoni ġeografika' tfisser indikazzjoni li tirriferi għal reġjun, post speċifiku jew, f'każijiet eċċezzjonali, pajjiż li jintuża sabiex jiddeskrivi prodott imsemmi fl-Artikolu 118a(1) li jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) għandu kwalità speċifika, reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn li jistgħu jkunu attribwiti għal dik l-oriġini ġeografika;

(ii) talanqas 85 % tal-għeneb li jintuża fil-produzzjoni tiegħu jiġi esklussivament minn din iż-żona ġeografika;

(iii) il-produzzjoni tiegħu ssir f'din iż-żona ġeografika; u

(iv) huwa magħmul minn varjetajiet ta' dwieli tal-ispeċi Vitis vinifera jew minn speċijiet li jirriżultaw minn tilqim bejn l-ispeċi Vitis vinifera u speċijiet oħrajn tal-ġenus Vitis.

2. Ċerti ismijiet użati tradizzjonalment għandhom jikkostitwixxu denominazzjoni tal-oriġini meta jkunu:

(a) jiddenominaw inbid;

(b) jirriferu għal isem ġeografiku;

(c) jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 1(a)(i) sa (iv); u

(d) jgħaddu mill-proċedura li tagħti protezzjoni għal denominazzjonijiet tal-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti f'din is-Subtaqsima.

3. Id-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, inkluż dawk relatati ma' żoni ġeografiċi f'pajjiżi terzi, għandhom ikunu eliġibbli għal protezzjoni fil-Komunità skont ir-regoli stabbiliti f'din is-Subtaqsima.

*Artikolu 118c*

**Kontenut tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni**

1. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' ismijiet bħala denominazzjonijiet tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi għandhom jinkludu fajl tekniku li jkun fih:

(a) l-isem li għandu jkun protett;

(b) l-isem u l-indirizz tal-applikant;

(c) speċifikazzjoni ta' prodott kif imsemmija fil-paragrafu 2; u

(d) dokument uniku b'taqsira tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fil-paragrafu 2.

2. L-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandha tippermetti lill-partijiet interessati li jivverifikaw il-kondizzjonijiet rilevanti ta' produzzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika.

Talanqas għandha tkun magħmula minn:

(a) l-isem li għandu jkun protett;

(b) deskrizzjoni tal-inbid(inbejjed):

(i) għal inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini, il-karatteristiċi analitiċi u organolettiċi prinċipali tiegħu;

(ii) għal inbejjed b'indikazzjoni ġeografika, il-karatteristiċi analitiċi prinċipali tiegħu kif ukoll evalwazzjoni jew indikazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi tiegħu;

(c) fejn applikabbli, il-prattika enoloġika speċifika użata fil-produzzjoni tal-inbid(inbejjed) kif ukoll ir-restrizzjonijiet rilevanti dwar il-produzzjoni tal-inbid(inbejjed);

(d) id-definizzjoni taż-żona ġeografika kkonċernata;

(e) l-uċuħ massimi għal kull ettaru;

(f) indikazzjoni tal-varjetà jew il-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid(inbejjed) li minnhom jinkiseb(jinkisbu) l-inbid(inbejjed);

(g) id-dettalji li juru l-konnessjoni msemmija fl-Artikolu 118b(1)(a)(i) jew, skont il-każ, fl-Artikolu 118b(1)(b)(i);

(h) rekwiżiti applikabbli stabbiliti f'leġislazzjoni Komunitarja jew nazzjonali, jew, fejn previst mill-Istati Membri, minn organizzazzjoni li tamministra d-denominazzjonijiet tal-oriġini protetta jew l-indikazzjoni ġeografika protetta, b'konsiderazzjoni tal-fatt li tali rekwiżiti għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji u kompatibbli mal-liġi Komunitarja;

(i) l-isem u l-indirizz tal-awtoritajiet jew entitajiet li jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-ħidmiet speċifiċi tagħhom.

*Artikolu 118d*

**Applikazzjoni għall-protezzjoni marbuta ma' żona ġeografika f'pajjiż terz**

1. Meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni tikkonċerna żona ġeografika f'pajjiż terz, għandu jkun fiha, flimkien mal-elementi previsti fl-Artikolu 118c, prova li l-isem ikkonċernat huwa protett fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

2. L-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni, direttament mill-applikant jew permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat.

3. L-applikazzjoni għall-protezzjoni għandha tiġi ppreżentata f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità jew akkumpanjata minn traduzzjoni ċċertifikata f'waħda minn dawk il-lingwi.

*Artikola 118e*

**Applikanti**

1. Kwalunkwe grupp ta' produtturi interessat, jew f'każijiet eċċezzjonali produttur uniku, jista' japplika għall-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika. Partijiet oħra interessati jistgħu jieħdu sehem fl-applikazzjoni.

2. Il-produtturi jistgħu jressqu applikazzjoni għall-protezzjoni għall-inbejjed li jipproduċu huma biss.

3. F'każ ta' isem li jirriferi għal żona ġeografika transkonfinali jew isem tradizzjonali li huwa relatat ma' żona ġeografika transkonfinali, tista' tintbagħat applikazzjoni konġunta.

*Artikolu 118f*

**Proċedura nazzjonali preliminari**

1. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika ta' nbejjed skont l-Artikolu 118b, li joriġinaw fil-Komunità, għandhom ikunu soġġetti għal proċedura nazzjonali preliminari skont dan l-Artikolu.

2. L-applikazzjoni għall-protezzjoni għandha tiġi ppreżentata fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu toriġina d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika.

3. L-Istat Membru għandu jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni sabiex jivverifika jekk tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima.

L-Istat Membru għandu jwettaq proċedura nazzjonali sabiex jiżgura l-pubblikazzjoni adegwata tal-applikazzjoni u jipprovdi għal perijodu ta' talanqas xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni li fiha kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għandha interess leġittimu u hija residenti jew stabbilita fit-territorju tiegħu tista' toġġezzjona għall-protezzjoni proposta billi tibgħat dikjarazzjoni debitament sostanzjata lill-Istat Membru.

4. Jekk l-Istat Membru jikkunsidra li d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika ma tissodisfax ir-rekwiżiti rilevanti jew hija inkompatibbli mal-liġi ġenerali Komunitarja, dan għandu jirrifjuta l-applikazzjoni.

5. Jekk l-Istat Membru jikkunsidra li r-rekwiżiti rilevanti ġew sodisfatti, huwa għandu:

(a) jippubblika d-dokument uniku u l-ispeċifikazzjoni tal-prodott talanqas fuq l-Internet; u

(b) jibgħat lill-Kummissjoni applikazzjoni għall-protezzjoni li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-isem u l-indirizz tal-applikant;

(ii) id-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 118c(1)(d);

(iii) dikjarazzjoni mill-Istat Membru li huwa jikkunsidra li l-applikazzjoni mibgħuta mill-applikant tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa; u

(iv) ir-referenza għall-pubblikazzjoni msemmija fil-punt (a).

Din l-informazzjoni għandha tintbagħat f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità jew akkumpanjata minn traduzzjoni ċċertifikata f'waħda minnhom.

6. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' dan l-Artikolu sal-1 ta' Awwissu 2009.

7. Fejn Stat Membru m'għandu l-ebda leġislazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, huwa jista', fuq bażi tranżizzjonali biss, joffri l-protezzjoni lill-isem skont it-termini ta' din is-Subtaqsima fil-livell nazzjonali b'effett mill-jum li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni lill-Kummissjoni. Protezzjoni tranżizzjonali nazzjonali bħal din għandha tiġi fi tmiemha fid-data li fiha tittieħed deċizjoni dwar ir-reġistrazzjoni jew ir-rifjut taħt din is-Subtaqsima.

*Artikolu 118g*

**Skrutinju mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 118f(5) jissodisfawx il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima.

3. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima ġew sodisfatti, għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* d-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 118c(1)(d) u r-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 118f(5).

Meta dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), li tirrifjuta l-applikazzjoni.

*Artikolu 118h*

**Proċedura ta' oġġezzjoni**

Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 118 g(3), kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għandha interess leġittimu, li tkun residenti jew stabbilita fi Stat Membru għajr dak li qed japplika għall-protezzjoni jew f'pajjiż terz, tista' toġġezzjona għall-protezzjoni proposta billi tippreżenta lill-Kummissjoni, dikjarazzjoni debitament sostanzjata, relatata mal-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà kif stabbilit f'din is-Subtaqsima.

Fil-każ ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti jew residenti f'pajjiż terz, din id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppreżentata, direttament jew permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat, fi żmien limitat ta' xahrejn kif imsemmi fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 118i*

**Deċiżjoni dwar il-protezzjoni**

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), li jew tingħata protezzjoni fir-rigward tad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-subtaqsima u li tkun kompatibbli mal-liġi Komunitarja, jew li tirrifjuta l-applikazzjoni meta dawk il-kondizzjonijiet ma jiġux sosdisfatti.

*Artikolu 118j*

**Omonimi**

1. Isem, li għalih tiġi ppreżentata applikazzjoni, u li jkun interament jew parzjalment omonimu ma' dak ta' isem diġà rreġistrat skont ir-Regolament dwar is-settur tal-inbid, għandu jiġi rreġistrat b'konsiderazzjoni xierqa tal-użanza lokali u tradizzjonali u ta' kwalunkwe riskju ta' konfużjoni.

Isem omonimu li jiżgwida lill-konsumatur billi jagħtih x'jifhem li l-prodotti jkunu ġejjin minn territorju ieħor m'għandux jiġi rreġistrat anke jekk l-isem ikun preċiż fir-rigward tat-territorju, ir-reġjun jew il-post tal-oriġini veru tal-prodotti kkonċernati.

L-użu ta' isem omonimu rreġistrat għandu jkun soġġett għal kondizzjoni li jkun hemm distinzjoni ċara fil-prattika bejn l-omonimu rreġistrat sussegwentement u l-isem diġà rreġistrat, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li l-produtturi kkonċernati jiġu ttrattati b'mod ekwu u l-ħtieġa li l-konsumatur ma jiġix żgwidat.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mutatis mutandis jekk isem, li għalih tiġi ppreżentata applikazzjoni, ikun interament jew parzjalment omonimu ma' indikazzjoni ġeografika protetta b'dan il-mod taħt il-leġislazzjoni tal-Istati Membri.

L-Istati Membri m'għandhomx jirreġistraw indikazzjonijiet ġeografiċi mhux identiċi għall-protezzjoni taħt il-leġislazzjoni rispettiva tagħhom dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi jekk id-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika tkun protetta fil-Komunità permezz tal-liġi Komunitarja rilevanti għad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

3. Għajr fejn provdut mod ieħor fil-miżuri implimentattivi tal-Kummissjoni, fejn l-isem ta' varjetà tal-għeneb talinbid fih jew jikkonsisti minn denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, dak l-isem m'għandux jintuża għall-finijiet ta' tikkettar ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament.

4. Il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti koperti fl-Artikolu 118b għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti li japplikaw għax-xorb li fih l-alkoħol fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż (*) u viċi-versa.

*Artikolu 118k*

**Raġunijiet għal ċaħda tal-protezzjoni**

1. Ismijiet li saru ġeneriċi m'għandhomx ikunu protetti bħala denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika.

Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, 'isem li sar ġeneriku' tfisser l-isem ta' nbid li, għalkemm huwa relatat mal-post jew ir-reġjun fejn kien oriġinarjament prodott jew kummerċjalizzat, sar l-isem komuni ta' nbid fil-Komunità.

Sabiex jiġi stabbilit jekk isem sarx ġeneriku jew le, għandhom jiġu meqjusal-fatturi rilevanti kollha, b'mod partikolari:

(a) is-sitwazzjoni attwali fil-Komunità, notevolment f'żoni ta' konsum;

(b) il-leġsilazzjoni nazzjonali jew Komunitarja rilevanti.

2. Isem m'għandux ikollu protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika fejn, fid-dawl tar-reputazzjoni u r-rikonoxximent ta' trademark, il-protezzjoni x'aktarx li tista' tiżgwida lill-konsumatur dwar l-identità vera tal-inbid.

*Artikolu 118l*

**Relazzjoni ma' trademarks**

1. Meta denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika hija protetta taħt dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni ta' trademark li tikkorrispondi ma' waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 118 m(2) u relatat ma' prodott li jaqa' taħt waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness XIb għandha tiġi miċħuda jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-marka tiġi ppreżentata wara d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika lill-Kummissjoni u d-denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika tiġi sussegwentement protetta.

Trademarks reġistrati bi ksur tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu invalidati.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 118k(2), marka kummerċjali li l-użu tagħha jikkorrispondi ma' waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 118(2), li saret applikazzjoni għaliha, ġiet irreġistrata jew stabbilita bl-użu, jekk dik il-possibbiltà hija pprovduta mil-leġislazzjoni kkonċernata, fit-territorju Komunitarju qabel id-data li fiha l-applikazzjoni għall-protezzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika tkun ippreżentata lill-Kummissjoni, tista' tibqa' tintuża u tiġġedded minkejja l-protezzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika. Dan sakemm ma jeżistux raġunijiet għall-invalidità jew ir-revoka tal-marka kummerċjali kif speċifikat mill-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (**) jew mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (***).

F'każijiet bħal dawn l-użu tad-denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika huwa permess flimkien mat-trademarks rilevanti.

*Artikolu 118m*

**Protezzjoni**

1. Id-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jistgħu jintużaw minn kwalunkwe operatur li jikkumerċjalizza nbid li ġie prodott b'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti.

2. Id-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-inbejjed li jużaw dawk l-ismijiet protetti b'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandhom jitħarsu minn:

(a) kwalunkwe użu kummerċjali, dirett jew indirett, ta' isem protett:

(i) minn prodotti komparabbli li mhumiex konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-isem protett; jew

(ii) sa fejn dan l-użu jisfrutta r-reputazzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika;

(b) kwalunkwe użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodott jew servizz huwa indikat jew jekk l-isem protett huwa tradott jew akkumpanjat minn espressjoni bħal 'stil', 'tip', 'metodu', 'kif prodott fi', 'imitazzjoni', 'togħma', 'bħal' jew xi espressjonijiet simili;

(c) kwalunkwe indikazzjoni falza jew li tiżgwida dwar il-provenjenza, l-oriġini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott, fl-imballaġġ intern jew estern, materjal ta' riklamar jew dokumenti relatati mal-prodott tal-inbid ikkonċernat, u l-ippakkjar tal-prodott f'kontenitur li x'aktarx jagħti impressjoni falza dwar l-oriġini tiegħu;

(d) kull prattika oħra li tista' tiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

3. Id-denominazzjonijiet tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti m'għandhomx isiru ġeneriċi fil-Komunità fit-tifsira tal-Artikolu 118k(1).

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex iwaqqfu l-użu illegali ta' denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti kif imsemmi fil-paragrafu 2.

*Artikolu 118n*

**Reġistru**

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornat reġistru elettroniku ta' denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għall-inbid. Dan għandu jkun aċċessibbli pubblikament.

*Artikolu 118o*

**Nomina ta' awtorità ta' kontroll kompetenti**

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li jkunu responsabbli għall-kontrolli fir-rigward tal-obbligi stabbiliti minn dan il-Kapitolu skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (****).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe operatur li jikkonforma ma' din is-Subtaqsima jkun intitolat li jkun kopert minn sistema ta' kontrolli.

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti imsemmijin fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ismijiet u l-indirizzi tagħhom u taġġornahom perijodikament.

*Artikolu 118p*

**Verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet**

1. Fir-rigward ta' denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti relatati ma' żona ġeografika fi ħdan il-Komunità, il-verifika annwali ta' konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, matul il-produzzjoni u matul jew wara l-ipproċessar tal-inbid, għandha tkun żgurata permezz ta':

(a) l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 118o(1); jew

(b) korp ta' kontroll wieħed jew aktar fis-sens tal-punt 5 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 li jopera bħala korp li jiċċertifika l-prodotti, skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

L-ispejjeż ta' tali verifika għandhom jitħallsu mill-operaturi stess li jkunu soġġetti għaliha.

2. Fir-rigward ta' denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti relatati ma' żona ġeografika f'pajjiż terz, il-verifika annwali ta' konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, matul il-produzzjoni u matul u wara l-ipproċessar tal-inbid, għandha tkun żgurata permezz ta':

(a) waħda jew aktar mill-awtoritajiet pubbliċi nnominati mill-pajjiż terz; jew

(b) korp ta' ċertifikazzjoni wieħed jew aktar.

3. L-entitajiet ta' ċertifikazzjoni imsemmija fil-paragrafi 1(b) u 2(b) għandhom jikkonformaw ma', u mill-1 ta' Mejju 2010 għandhom ikunu akkreditati skont, l-istandard Ewropew EN 45011 jew ISO/IEC Gwida 65 (Rekwiżiti ġenerali għal entitajiet li joperaw sistemi ta' ċertifikazzjoni ta' prodotti).

4. Meta l-awtorità jew l-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafi 1(a) u 2(a) jivverifikaw il-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, huma għandhom joffru garanziji adegwati ta' oġġettività u imparzjalità, u jkollhom il-persunal kwalifikat u r-riżorsi meħtieġa disponibbli sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom.

*Artikolu 118q*

**Emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott**

1. Applikant li jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 118e jista' japplika għall-awtorizzazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, b'mod partikolari sabiex jitqiesu żviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku jew sabiex jiddefinixxu mill-ġdid iż-żona ġeografika msemmija fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 118c(2). L-applikazzjonijiet għandhom jiddeskrivu u jagħtu raġunijiet għall-emendi mitluba.

2. Meta l-emenda proposta tinvolvi waħda jew aktar emendi fid-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 118c(1)(d), l-Artikoli 118f sa 118i għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-applikazzjoni tal-emenda. Madankollu, jekk l-emenda proposta tkun waħda minuri biss, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), jekk tapprovax l-applikazzjoni mingħajr ma tkun segwita l-proċedura stipulata fl-Artikolu 118 g(2) u fl-Artikolu 118h u fil-każ li tiġi approvata, il-Kummissjoni għandha tipproċedi sabiex tippubblika l-elementi msemmijin fl-Artikolu 118 g(3).

3. Jekk l-emendi proposti ma jinvolvux tibdil fid-dokument uniku, dawn ir-regoli għandhom japplikaw:

(a) meta ż-żona ġeografika tkun fi Stat Membru partikolari, dak l-Istat Membru għandu jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar l-emenda, u jekk ikun favuriha, jippubblika l-ispeċifikazzjoni tal-prodott emendata u jinforma lill-Kummissjoni dwar l-emendi approvati u r-raġunijiet għaliex saru;

(b) meta ż-żona ġeografika tkun f'pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk tapprovax l-emenda proposta jew le.

*Artikolu 118r*

**Kanċellazzjoni**

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba debitament sostanzjata ta' Stat Membru, ta' pajjiż terz jew ta' persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu, li tikkanċella l-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika jekk ma tkunx għadha żgurata l-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti.

L-Artikoli 118f sa 118i għandhom japplikaw mutatis mutandis.

*Artikolu 118s*

**Ismijiet ta' nbejjed protetti eżistenti**

1. L-ismijiet ta' nbejjed li jkunu protetti skont l-Artikoli 51 u 54 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u l-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni tal-origini, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid (*****), għandhom ikunu protetti awtomatikament taħt dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha telenkahom fir-reġistru previst fl-Artikolu 118n ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom, fir-rigward tal-ismijiet protetti eżistenti ta' nbejjed imsemmija fil-paragrafu 1, jibagħtu lill-Kummissjoni:

(a) il-fajls tekniċi kif previst fl-Artikolu 118c(1);

(b) id-deċiżjoni nazzjonali ta' approvazzjoni.

3. L-ismijiet ta' nbejjed imsemmijin fil-paragrafu 1, li għalihom l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma tiġix ippreżentata sal-31 ta' Diċembru 2011, m'għandhomx jibqgħu protetti taħt dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-pass formali korrispondenti sabiex tneħħi dawn l-ismijiet mir-reġistru previst fl-Artikolu 118n.

4. L-Artikolu 118r m'għandux japplika fir-rigward tal-ismijiet protetti eżistenti ta' nbejjed imsemmijin fil-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi sal-31 ta' Diċembru 2014, fuq l-inizjattiva tagħha stess u skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), li tikkanċella l-protezzjoni tal-ismijiet protetti eżistenti ta' nbejjed imsemmija fil-paragrafu 1 jekk huma ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 118b.

*Artikolu 118t*

**Miżati**

L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-ħlas ta' miżata sabiex ikopru l-ispejjeż tagħhom, inklużi dawk imġarrba fl-eżaminar ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni, dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni, applikazzjonijiet għal emendi u talbiet għal kanċellazzjonijiet Taħt din is-Subtaqsima.

Subtaqsima II

**Termini tradizzjonali**

*Artikolu 118u*

**Definizzjonijiet**

1. 'Terminu tradizzjonali' tfisser terminu użat tradizzjonalment fl-Istati Membri għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 118a(1) sabiex jiddenominaw:

(a) li l-prodott għandu denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta taħt il-liġi Komunitarja jew nazzjonali;

(b) il-metodu ta' produzzjoni jew ta' maturazzjoni jew il-kwalità, il-kulur, it-tip ta' post jew avveniment partikolari marbut mal-passatr, tal-prodott b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta.

2. It-termini tradizzjonali għandhom jiġu rikonoxxuti, definiti u protetti mill-Kummissjoni.

*Artikolu 118v*

**Protezzjoni**

1. Terminu tradizzjonali protett jista' jintuża biss għal prodott li ġie prodott skont id-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 118u(1).

It-termini tradizzjonali għandhom ikunu protetti minn użu illegali.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji sabiex iwaqqfu l-użu illegali ta' termini tradizzjonali.

2. It-termini tradizzjonali m'għandhomx isiru ġeneriċi fil-Komunità.

Taqsima Ib

**Tikkettar u preżentazzjoni fis-settur tal-inbid**

*Artikolu 118w*

**Definizzjoni**

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) 'tikkettar' tfisser kwalunkwe kelma, partikolarità, trade-mark, isem ta' ditta, materja ta' stampa jew simbolu li jitqiegħdu fuq kwalunkwe mballaġġ, dokument, notifika, tikketta, ċurkett jew kullar li jakkumpanja jew jirriferi għal prodott partikolari;

(b) 'preżentazzjoni' tfisser kwalunkwe informazzjoni mogħtija lill-konsumaturi permezz tal-imballaġġ tal-prodott ikkonċernat inklużi l-forom u t-tip ta' fliexken.

*Artikolu 118x*

**Applikabbiltà ta' regoli orizzontali**

Għajr fejn previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, id-Direttiva 89/104/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 89/396/KEE tal-14 ta' Ġunju 1989 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (******), id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approsimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel (*******) u d-Direttiva 2007/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi regoli dwar kwantitajiet nominali għal prodotti mballati minn qabel (********) għandhom japplikaw għat-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

*Artikolu 118y*

**Dettalji obbligatorji**

1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti msemmijin fil-paragrafi 1 sa 11, 13, 15 u 16 tal-Anness XIb kkummerċjalizzati fil-Komunità jew għall-esportazzjoni għandu jkollhom dawn id-dettalji obbligatorji:

(a) id-denominazzjoni għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli skont l-Anness XIb;

(b) għall-inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta;

   (i) it-terminu 'denominazzjoni tal-oriġini protetta' jew 'indikazzjoni ġeografika protetta'; u

   (ii) l-isem tad-denominazzjoni tal-oriġini protetta jew l-indikazzjoni ġeografika protetta;

(c) il-qawwa alkoħolika attwali skont il-volum;

(d) indikazzjoni tal-provenjenza;

(e) indikazzjoni tal-bottiljatur jew, fil-każ ta' nbid frizzanti, inbid frizzanti bil-gass, inbid frizzanti ta' kwalità jew inbid frizzanti aromatiku ta' kwalità, l-isem tal-produttur jew tal-bejjiegħ;

(f) indikazzjoni tal-importatur fil-każ ta' nbejjed importati; u

(g) fil-każ ta' nbid frizzanti, inbid frizzanti bil-gass, inbid frizzanti ta' kwalità jew inbid frizzanti aromatiku ta' kwalità, indikazzjoni tal-kontenut ta' zokkor.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(a), ir-referenza għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli tista' titħalla barra għall-inbejjed li t-tikketti tagħhom jinkludu l-isem ta' denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta.

3. B'deroga mill-paragrafu 1(b), ir-referenza għat-termini 'denominazzjoni tal-oriġini protetta' jew 'indikazzjoni ġeografika protetta' tista' titħalla barra fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn terminu tradizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 118u(1)(a) jintwera fuq it-tikketta;

(b) fejn, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, l-isem tad-denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta jidher fuq it-tikketta.

*Artikolu 118z*

**Dettalji fakultattivi**

1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti msemmijin fl-Artikolu 118y(1) jista' b'mod partikolari jkun fih id-dettalji fakultattivi li ġejjin:

(a) is-sena tal-vinifikazzjoni;

(b) l-isem ta' waħda jew aktar mill-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid;

(c) fil-każ ta' nbejjed minbarra dawk imsemmijin fl-Artikolu 118y(1)(g), termini li jindikaw il-kontenut ta' zokkor;

(d) għall-inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, termini tradizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 118u(1)(b);

(e) is-simbolu tal-Komunità li jindika d-denominazzjoni tal-oriġini protetta jew l-indikazzjoni ġeografika protetta;

(f) termini li jirreferu għal ċerti metodi ta' produzzjoni;

(g) għall-inbejjed li għandhom denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta l-isem ta' unità ġeografika oħra li tkun iżgħar jew ikbar miż-żona sottostanti għad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 118j(3), fir-rigward tal-użu tad-dettalji msemmijin fl-Artikolu 1(a) u (b) għal inbejjed mingħajr denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta:

(a) l-Istati Membri għandhom jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi sabiex jiżguraw il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni, approvazzjoni u kontroll sabiex jiggarantixxu l-eżattezza tal-informazzjoni kkonċernata;

(b) l-Istati Membri jistgħu, abbażi ta' kriterji mhux diskriminatorji u oġġettivi u b'konsiderazzjoni xierqa tal-kompetizzjoni leali, għall-inbid prodott minn varjetajiet ta' għeneb tal-inbid fit-territorju tagħhom, ifasslu listi ta' varjetajiet ta' għeneb tal-inbid esklużi, b'mod partikolari jekk:

(i) ikun hemm riskju ta' konfużjoni għall-konsumaturi dwar l-oriġini vera tal-inbid minħabba l-fatt li l-varjetà partikolari tal-għeneb tal-inbid tifforma parti minn denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta eżistenti;

(ii) il-kontrolli rilevanti ma jkunux effettivi f'sens ta' nfiq peress li l-varjetà tal-għeneb tal-inbid partikolari tirrappreżenta parti żgħira ħafna mill-vinja tal-Istat Membru;

(c) taħlitiet ta' nbid minn Stati Membri differenti m'għandhomx jagħtu lok għal tikkettar tal-varjetà jew tal-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid għajr jekk l-Istati Membri kkonċernati jaqblu xort'oħra u jiżguraw li ċ-ċertifikazzjoni, l-approvazzjoni u l-proċeduri ta' kontroll rilevanti jistgħu jkunu attwati.

*Artikolu 118za*

**Lingwi**

1. Id-dettalji obbligatorji u fakultattivi msemmija fl-Artikoli 118y u 118z għandhom, meta espressi bi kliem, jidhru f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-isem ta' denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta jew terminu tradizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 118u(1)(a) għandu jidher fuq it-tikketta bil-lingwa jew lingwi li għaliha/għalihom tapplika l-protezzjoni.

Fil-każ ta' denominazzjonijiet tal-oriġini protetti jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew denominazzjonijiet speċifiċi nazzjonali li jużaw alfabet mhux Latin, l-isem jista' jidher ukoll b'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità.

*Artikolu 118zb*

**Infurzar**

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li prodott imsemmi fl-Artikolu 118y(1) li ma jkunx ittikkettat skont din it-Taqsima ma jitpoġġiex fis-suq, jew inkella jitneħħa mis-suq.

(*) ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.
(**) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 1.
(***) ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1.
(****) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
(*****) ĠU L 118, 4.5.2002, p. 1.
(******) ĠU L 186, 30.6.1989, p. 21.
(*******) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.
(********) ĠU L 247, 21.9.2007, p. 17.";

12. it-Taqsima li ġejja għandha tiddaħħal fil-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Parti II:

"Taqsima IIa

**Regoli tal-produzzjoni fis-settur tal-inbid**

Subtaqsima I

**Varjetajiet ta' għeneb tal-inbid**

*Artikolu 120a*

**Klassifikazzjoni tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid**

1. Il-prodotti elenkati fl-Anness XIb u prodotti fil-Komunità għandhom isiru minn varjetajiet ta' għeneb tal-inbid klassifikabbli skont il-paragrafu 2.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jikklassifikaw liema varjetajiet ta' għeneb tal-inbid jistgħu jitħawlu, jerġgħu jitħawlu jew jitlaqqmu fit-territorji tagħhom għall-fini tal-produzzjoni tal-inbid.

Huma biss il-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin, li jistgħu jiġu kklassifikati mill-Istati Membri:

(a) il-varjetà kkonċernata tappartjeni għall-Vitis vinifera jew tirriżulta minn tilqim bejn l-ispeċi Vitis vinifera u speċijiet oħra tal-genus Vitis;

(b) il-varjetà mhijiex waħda minn dawn li ġejjin: Noah, Othello, Isabelle, Jacquez, Clinton u Herbemont.

Fejn varjetà ta' għeneb tal-inbid titħassar mill-klassifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-qlugħ mill-għeruq ta' din il-varjetà għandu jsir fi żmien 15-il sena minn meta titħassar.

3. L-Istati Membri li l-produzzjoni tal-inbid tagħhom ma taqbiżx il-50 000 ettolitru għal kull sena tal-inbid, ikkalkulata abbażi tal-produzzjoni medja matul l-aħħar ħames snin tal-inbid, għandhom jiġu eżentati mill-obbligu ta' klassifikazzjoni msemmi fil-paragrafu 2.

Madankollu, anke fl-Istati Membri msemmijin fl-ewwel subparagrafu, jistgħu jitħawlu, jerġgħu jitħawlu jew jitlaqqmu biss il-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li huma konformi mal-paragrafu 2(a) u (b), għall-fini tal-produzzjoni tal-inbid.

4. B'deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-paragrafu 2 u t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, it-taħwil, it-taħwil mill-ġdid jew it-tilqim tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li ġejjin għandhom ikunu permessi biss għal finijiet ta' riċerka u esperimenti xjentifiċi:

(a) varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li m'humiex ikklassifikati, fir-rigward tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 2;

(b) varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li m'humiex konformi mal-paragrafu 2(a) u (b), fir-rigward tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3.

5. Żoni mħawlin b'varjetajiet ta' għeneb tal-inbid għall-fini tal-produzzjoni tal-inbid imħawlin bi ksur tal-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jinqalgħu mill-għeruq.

Madankollu, m'għandu jkun hemm l-ebda obbligu li jinqalgħu tali żoni fejn il-produzzjoni rilevanti hija maħsuba esklussivament għall-konsum mill-familji tal-produtturi tal-inbid.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jivverifikaw il-konformità tal-produtturi mal-paragrafi 2 sa 5.

Subtaqsima II

**Prattiki enoloġiċi u restrizzjonijiet**

*Artikolu 120b*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din is-Subtaqsima tirrigwarda l-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli li japplikaw għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-inbid kif ukoll il-proċedura sabiex jiġu deċiżi dawk il-prattiki u r-restrizzjonijiet.

*Artikolu 120c*

**Prattiki enoloġiċi u restrizzjonijiet**

1. Fil-produzzjoni u l-konservazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-inbid, fil-Komunità għandhom jintużaw biss il-prattiki enoloġiċi awtorizzati taħt il-liġi Komunitarja kif stabbilit fl-Anness XVa jew kif deċiż skont l-Artikoli 120d u 120e.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal:

(a) meraq tal-għeneb u meraq tal-għeneb konċentrat;

(b) most u most tal-għeneb konċentrat maħsub għall-preparazzjoni ta' meraq tal-għeneb.

2. Għandhom jintużaw biss il-prattiki enoloġiċi awtorizzati sabiex ikunu żgurati l-vinifikazzjoni, il-preservazzjoni u l-irfinar xierqa tal-prodott.

3. Il-prodotti tas-settur tal-inbid għandhom jiġu prodotti fil-Komunità skont ir-restrizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness XVb.

4. M'għandhomx jiġu kummerċjalizzati fil-Komunità prodotti koperti minn dan ir-Regolament, li saru skont prattiki enoloġiċi Komunitarji mhux awtorizzati jew, fejn applikabbli, prattiki enoloġiċi nazzjonali mhux awtorizzati jew li jiksru ir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVb.

*Artikolu 120d*

**Regoli aktar stretti deċiżi mill-Istati Membri**

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw jew jeskludu l-użu ta' ċerti prattiki enoloġiċi u jipprovdu restrizzjonijiet aktar stretti għall-inbejjed awtorizzati skont il-liġi Komunitarja prodotti fit-territorju tagħhom bil-ħsieb li jirrinforzaw il-preservazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali ta' nbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta u ta' nbejjed frizzanti u nbejjed likur.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawn il-limitazzjonijiet, l-esklużjonijiet u r-restrizzjonijiet lill-Kummissjoni, li għandha tressaqhom għall-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn.

*Artikolu 120e*

**Awtorizzazzjoni tal-prattiki enoloġiċi u restrizzjonijiet**

1. Għajr għall-prattiki enoloġiċi li jikkonċernaw l-arrikkiment, l-aċidifikazzjoni u d-diaċidifikazzjoni stabbiliti fl-Anness XVa għall-prodotti speċifiċi koperti fih kif ukoll ir-restrizzjonijiet elenkati fl-Anness XVb, l-awtorizzazzjoni tal-prattiki enoloġiċi u r-restrizzjonijiiet rigward il-produzzjoni u l-konservazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-inbid għandhom jiġu deċiżi mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4).

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu sperimentali ta' prattiki enoloġiċi mhux awtorizzati taħt kondizzjonijiet li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4).

*Artikolu 120f*

**Kriterji għall-awtorizzazzjoni**

Il-Kummissjoni, meta tawtorizza prattiki enoloġiċi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), għandha:

(a) tibbaża fuq il-prattiki enoloġiċi rakkomandati u ppubblikati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dwieli u tal-Inbejjed (OIV) kif ukoll fuq ir-riżultati tal-użu sperimentali ta' prattiki enoloġiċi li jkunu għadhom mhux awtorizzati;

(b) tqis il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

(c) tqis ir-riskju potenzjali li l-konsumaturi jiġu żgwidati minħabba l-aspettattivi u l-perċezzjonijiet stabbiliti tagħhom, fir-rigward tad-disponibbiltà u l-vijabbiltà ta' mezzi ta' informazzjoni li jeskludu dawn ir-riskji;

(d) tippermetti l-preservazzjoni ta' karatteristiċi naturali u essenzjali tal-inbid u ma ġġibx bidla sostanzjali fil-kompożizzjoni tal-prodotti kkonċernati;

(e) tiżgura livell minimu aċċettabbli ta' protezzjoni ambjentali;

(f) tirrispetta r-regoli ġenerali dwar il-prattiki enoloġiċi u r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi XVa u XVb rispettivament.

*Artikolu 120g*

**Metodi ta' analiżi**

Il-metodi ta' analiżi sabiex tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni tal-prodotti tas-settur tal-inbid u r-regoli li permezz tagħhom jista' jiġi stabbilit jekk dawn il-prodotti jkunux għaddew minn proċessi li jmorru kontra l-prattiki enoloġiċi awtorizzati għandhom ikunu dawk rakkomandati u ppubblikati mill-OIV.

Fejn m'hemmx metodi u regoli rakkomandati u ppubblikati mill-OIV, il-Kummissjoni għandha tadotta metodi u regoli korrispondenti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4).

Sakemm jiġu adottati tali regoli, il-metodi u r-regoli li għandhom jintużaw għandhom ikunu dawk permessi mill-Istat Membru kkonċernat.";

13. l-Artikolu 121 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punti li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-ewwel paragrafu:

"(k) ir-regoli dwar id-denominazzjoni tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fis-Subtaqsima I tat-Taqsima Ia, b'mod partikolari d-derogi mill-applikabbiltà tar-regoli u r-rekwiżiti stabbiliti f'dik is-Subtaqsima:

(i) safejn jikkonċerna applikazzjonijiet pendenti għall-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi;

(ii) safejn jikkonċerna l-produzzjoni ta' ċerti nbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta f'żona ġeografika fil-viċinanza taż-żona ġeografika minn fejn joriġina l-għeneb;

(iii) safejn jikkonċerna l-prattiki tal-produzzjoni ta' ċerti nbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini protetta;

(l) ir-regoli dwar it-termini tradizzjonali msemmija fis-Subtaqsima II tat-Taqsima Ia, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw:

(i) il-proċedura għall-għoti ta' protezzjoni;

(ii) il-livell speċifiku ta' protezzjoni;

(m) ir-regoli li jikkonċernaw it-tikkettar u l-preżentazzjoni msemmija fit-Taqsima Ib, b'mod partikolari:

(i) dettalji dwar l-indikazzjoni tal-provenjenza tal-prodott rilevanti;

(ii) it-termini tal-użu tad-dettalji fakultattivi elenkati fl-Artikolu 118z;

(iii) rekwiżiti speċifiċi relatati mal-indikazzjonijiet rigward is-sena tal-vinikifikazzjoni u l-varjetà tal-għeneb tal-inbid li jidhru fuq it-tikketti kif imsemmija fl-Artikolu 118z(2);

(iv) derogi ulterjuri flimkien ma' dawk imsemmija fl-Artikolu 118y(2) li jipprevedu li r-referenza għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli tista' titħassar;

(v) regoli dwar il-protezzjoni li għandha tingħata fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' prodott partikolari.";

(b) għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-prattika enoloġika u r-restrizzjonijiet stabbiliti fis-Subtaqsima II tat-Taqsima IIa u l-Annessi XVa u XVb, sakemm dawk l-Annessi ma jipprovdux mod ieħor, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 195(4).

Il-miżuri msemmija fit-tielet paragrafu jistgħu jinkludu, b'mod partikolari:

(a) dispożizzjonijiet bil-għan li l-prattiki enoloġiċi Komunitarji elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 ikunu kkunsidrati bħala prattiki enoloġiċi awtorizzati;

(b) prattiki enoloġiċi awtorizzati u restrizzjonijiet inkluż l-arrikkiment, l-aċidifikazzjoni u d-diaċidifikazzjoni li jikkonċernaw inbejjed frizzanti, inbejjed frizzanti ta' kwalità u nbejjed frizzanti aromatiċi ta' kwalità;

(c) prattiki enoloġiċi awtorizzati u restrizzjonijiet dwar inbejjed likur;

(d) soġġett għall-punt C tal-Anness XVb, dispożizzjonijiet li jirregolaw it-taħlit u l-coupage ta' most u nbejjed;

(e) fejn ma jeżistux regoli Komunitarji dwarhom, il-purità u l-ispeċifikazzjoni tal-identifikazzjoni ta' sustanzi użati fil-prattiki enoloġiċi;

(f) ir-regoli amministrattivi għat-twettiq tal-prattiki enoloġiċi awtorizzati;

(g) il-kondizzjonijiet li jirregolaw iż-żamma, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' prodotti li m'humiex konformi mal-Artikolu 120c u eżenzjonijiet possibbli mir-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu, kif ukoll l-istabbiliment ta' kriterji bil-għan li t-tbatija f'każijiet individwali tiġi evitata;

(h) il-kondizzjonijiet li bihom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw iż-żamma, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' prodotti li ma humiex konformi mas-Subtaqsima II tat-Taqsima IIa għajr l-Artikolu 120c, jew ma' dispożizzjonijiet li jimplimetaw dik is-Subtaqsima.";

14. il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Artikolu 122:

"Fir-rigward tas-settur tal-inbid, l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu, bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk stipulati fil-punti (b) u (c) tal-ewwel paragrafu, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi li japplikaw regoli ta' assoċjazzjoni li jesiġu li l-membri tagħhom, b'mod partikolari:

(a) japplikaw ir-regoli adottati mill-organizzazzjoni tal-produtturi dwar ir-rappurtar ta' produzzjoni, il-produzzjoni nnifisha, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent;

(b) jipprovdu t-tagħrif mitlub mill-organizzazzjoni tal-produtturi għal skopijiet ta' statistika, b'mod partikolari dwar żoni ta' tkabbir u dwar l-evoluzzjoni tas-suq;

(c) iħallsu penali għall-ksur tal-obbligi taħt ir-regoli ta' assoċjazzjoni;

Fis-settur tal-inbid, b'mod partikolari, jistgħu jiġu segwiti dawn l-għanijiet speċifiċi fit-tifsira tal-punt (c) tal-ewwel paragrafu:

(a) il-promozzjoni u l-provvediment ta' għajnuna teknika għall-użu ta' prattiki ta' koltivazzjoni u tekniki ta' produzzjoni tajba mil-lat ambjentali;

(b) il-promozzjoni ta' inizjattivi għall-ġestjoni ta' prodotti sekondarji enoloġiċi u għall-ġestjoni ta' skart b'mod partikolari sabiex jipproteġu l-kwalità tal-ilma, il-ħamrija u l-pajsaġġ u jippreservaw jew jinkoraġġixxu l-bijodiversità;

(c) it-twettiq ta' riċerka f'metodi ta' produzzjoni sostenibbli u ta' żviluppi tas-suq;

(d) għajnuna għat-twettiq tal-programmi ta' appoġġ kif imsemmi fit-Taqsima IVb tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II.";

15. l-Artikolu 123(3) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem introduttorju u l-punti (a) u (b) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Bi tkomplija mal-paragrafu 1, l-Istati Membri, fir-rigward tas-settur tal-frott u l-ħxejjex għandhom, u fir-rigward tas-settur tal-inbid jistgħu, jirrikonoxxu wkoll lill-organizzazzjonijiet interprofessjonali li:

(a) ikunu magħmula minn rappreżentanti ta' attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-produzzjoni, mal-kummerċ, jew mal-ipproċessar tal-prodotti tas-setturi msemmija fil-kliem introduttorju;

(b) huma ffurmati fuq l-inizjattiva tar-rappreżentanti kollha imsemmijin fil-punt (a), jew ta' xi wħud minnhom;";

(b) il-punt (c) għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem introduttorju għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"iwettqu waħda, u fil-każ tas-settur tal-frott u l-ħxejjex, tnejn jew aktar minn dawn l-attivitajiet f'wieħed jew aktar mir-reġjuni tal-Komunità, b'konsiderazzjoni għall-interessi tal-konsumaturi, u mingħajr preġudizzju għal setturi oħra, fis-settur tal-inbid b'kont meħud tas-saħħa pubblika u l-interessi tal-konsumaturi:";

(ii) il-punt (ii) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-għajnuna biex jiġi kkoordinat aħjar il-mod kif il-prodotti tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-inbid jitqiegħdu fis-suq, b'mod partikolari permezz ta' riċerka u studji dwar is-suq;";

(iii) il-punt (iv) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(iv) jisfruttaw aktar il-potenzjal tal-frott u l-ħxejjex prodotti, u l-potenzjal tal-produzzjoni fis-settur tal-inbid;";

(iv) il-punti (vii) u (viii) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(vii) jiżviluppaw metodi u strumenti sabiex itejbu l-kwalità tal-prodott fl-istadji kollha tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni u, fir-rigward tas-settur tal-inbid, tal-vinifikazzjoni wkoll;

(viii) jisfruttaw il-potenzjal tal-biedja organika u jipproteġu u jippromwovu tali biedja kif ukoll denominazzjonijiet tal-oriġini, tabelli ta' kwalità u indikazzjonijiet ġeografiċi;";

(v) il-punt (x) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(x) jistabbilixxu regoli, fir-rigward tas-settur tal-frott u l-ħxejjex, dwar ir-regoli tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni msemmijin fil-punti 2 u 3 tal-Anness XVIa, li huma aktar stretti mir-regoli Komunitarji jew dawk nazzjonali;";

(vi) għandu jiġi miżjud il-punt li ġej:

"(xi) rigward is-settur tal-inbid:

— li jipprovdu informazzjoni dwar karatteristiċi partikolari ta' nbid b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta;

— li jinkoraġġixxu konsum moderat u responsabbli ta' nbid u jinformaw dwar il-ħsara marbuta ma' użanzi ta' konsum perikolużi;

— li jwettqu azzjonijiet sabiex jippromwovu l-inbid, speċjalment f'pajjiżi terzi.";

16. it-Taqsima li ġejja għandha tiddaħħal fil-Kapitolu II tat-Titolu II tal-Parti II:

"Taqsima Ib

**Regoli li jikkonċernaw lill-produtturi u lill-organizzazzjonijiet interprofessjonali fis-settur tal-inbid**

*Artikolu 125o*

**Rikonoxximent**

1. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu organizzazzjonijiet ta' produtturi jew interprofessjonali li jkunu ppreżentaw applikazzjoni għar-rikonoxximent mal-Istat Membru kkonċernat fejn l-applikazzjoni jkollha evidenza li l-entità:

(a) fir-rigward tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi:

(i) tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 122;

(ii) għandha għadd minimu ta' membri, li jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat;

(iii) tkopri volum ta' produzzjoni kummerċjali minimu, li għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat, fil-qasam li fih topera l-organizzazzjoni;

(iv) tista' twettaq l-attivitajiet tagħha kif suppost, kemm f'dak li hu żmien kif ukoll f'effettività u f'konċentrazzjoni ta' provvista;

(v) effettivament toffri lill-membri tagħha l-possibbiltà li jiksbu għajnuna teknika fl-użu ta' prattiki ta' koltivazzjoni tajba mil-lat ambjentali;

(b) fir-rigward tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali:

(i) tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 123(3);

(ii) twettaq l-attivitajiet tagħha f'waħda jew aktar mir-reġjuni fit-territorju kkonċernat;

(iii) tirrappreżenta sehem sinifikanti tal-produzzjoni jew tal-kummerċ ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament;

(iv) ma tiħux sehem fil-produzzjoni, fl-ipproċessar jew fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-inbid.

2. L-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 għandhom ikunu kkunsidrati bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti taħt dan l-Artikolu.

L-organizzazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 123(3) u fil-paragrafu (1)(b) ta' dan l-Artikolu, li ġew rikonoxxuti mill-Istati Membri, għandhom ikunu kkunsidrati bħala organizzazzjonijiet ta' bejn fergħat rikonoxxuti skont dawk id-dispożizzjonijiet.

3. L-Artikoli 125b u 125k(3) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-organizzazzjonijiet ta' produtturi u interprofessjonali, rispettivament, fis-settur tal-inbid. Madankollu:

(a) il-perijodi msemmija fl-Artikoli 125b(2)(a) u 125k(3)(c) rispettivament għandhom ikunu ta' erba' xhur;

(b) l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent imsemmi fl-Artikoli 125b(2)(a)u 125k(3)(c) għandhom ikunu ppreżżentati ma' Stat Membru fejn l-organizzazzjoni jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha;

(c) in-notifikazzjonijiet annwali msemmija fl-Artikoli 125b(2)(c) u 125k(3)(d) rispettivament għandhom isiru sal-1 ta' Marzu ta' kull sena.";

17. fl-Artikolu 129, it-tieni sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"In-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament inklużi, skont il-każ, id-definizzjonijiet fl-Anness III u fl-Anness XIb għandhom jiġu inklużi fit-Tariffa Doganali Komuni.";

18. fl-Artikolu 130, il-punt li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 130(1):

"(ga) inbid;";

19. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 133a*

**Garanzija speċjali fis-settur tal-inbid**

1. Għall-meraq u l-most li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2009 61, 2009 69 u 2204 30 li għalihom l-applikazzjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni tiddependi fuq il-prezz tal-importazzjoni tal-prodott, l-ammont reali ta' dak il-prezz għandu jiġi vverifikat jew billi tiġi kkontrollata kull konsenja jew permezz tal-użu tal-valur tal-importazzjoni b'rata fissa kkalkulata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-kwotazzjonijiet tal-prezz għall-istess prodotti fil-pajjiżi tal-oriġini.

Jekk il-prezz ta' dħul dikjarat tal-konsenja jkun aktar għoli mill-valur tal-importazzjoni b'rata fissa, jekk dan ikun applikabbli, miżjud b'marġni adottata mill-Kummissjoni li ma tistax taqbeż il-valur tar-rata fissa b'aktar minn 10 %, ikun hemm bżonn li tiġi ppreżentata garanzija ugwali għad-dazji fuq l-importazzjoni stabbiliti fuq il-bażi tal-valur tal-importazzjoni b'rata fissa.

Jekk il-prezz tad-dħul tal-konsenja ma jkunx iddikjarat, l-applikazzjoni tat-Tariffa Doganali Komuni għandha tiddependi fuq il-valur tal-importazzjoni b'rata fissa jew fuq l-applikazzjoni, skont il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġislazzjoni doganali.

2. Fil-każ li d-derogi mill-Kunsill imsemmija fil-punti B.5 jew C tal-Anness XVb jiġu applikati għall-prodotti importati, l-importaturi għandhom jippreżentaw garanzija għal dawk il-prodotti lill-awtoritajiet doganali nnominati fil-ħin tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa. Il-garanzija għandha tkun rilaxxata malli l-importatur jippreżenta prova, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, li l-most ikun tbiddel f'meraq tal-għeneb, użat fi prodotti oħra mhux fis-settur tal-inbid jew, jekk ikun ġie vvinifikat, ikun ġie ttikkettat kif xieraq."

20. fl-Artikolu 141(1), il-kliem introduttorju għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-importazzjonijiet ta' prodott wieħed jew aktar tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor, tal-frott u l-ħxejjex, tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati, taċ-ċanga u tal-vitella, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, tal-bajd, tat-tjur u tal-banana, kif ukoll tal-meraq tal-għeneb u tal-most tal-għeneb, għandu japplika dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni, soġġett għar-rata ta' dazju stabbilita fl-Artikoli 135 sa 140a, sabiex jiġu evitati jew newtralizzati effetti negattivi fis-suq Komunitarju li jistgħu jirriżultaw minn dawk l-importazzjonijiet, jekk:";

21. is-Subtaqsima li ġejja għandha tiżdied mat-Taqsima IV tal-Kapitolu II tal-Parti III:

"S u b t a q s i m a V

**D i s p o ż i z z j o n i j i e t s p e ċ j a l i g ħ a l l - i m p o r t a z z j o n i j i e t t a l - i n b i d**

*Artikolu 158a*

**Rekwiżiti speċjali għall-importazzjoni tal-inbid**

1. Għajr fejn previst mod ieħor, b'mod partikolari fi ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 300 tat-Trattat, id-dispożizzjonijiet dwar denominazzjonijiet tal-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi u tikkettar stabbiliti fis-Subtaqsima I tat-Taqsima Ia tal-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Parti II, kif ukoll l-Artikolu 113d(1) ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2009 61, 2009 69 u 2204 li huma importati fil-Komunità.

2. Għajr fejn previst mod ieħor fi ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 300 tat-Trattat, il-prodotti imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu prodotti skont il-prattiki enoloġiċi rrakkomandati u ppubblikati mill-OIV jew awtorizzati mill-Komunità skont dan ir-Regolament u l-miżuri implimentattivi tiegħu.

3. L-importazzjoni tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta':

(a) ċertifikat li jixhed il-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, li jrid jiġi mfassal minn korp kompetenti, inkluż f'lista li għandha ssir pubblika mill-Kummissjoni, fil-pajjiż tal-oriġini tal-prodott;

(b) rapport ta' analiżi mfassal minn korp jew dipartiment nominat mill-pajjiż tal-oriġini tal-prodott, sakemm il-prodott huwa maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.";

22. l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 160(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn is-suq Komunitarju huwa mfixkel jew jista' jkun imfixkel minn ftehim ta' proċessar attiv, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tissospendi b'mod sħiħ jew parzjali l-użu ta' ftehim ta' proċessar attiv għas-setturi tal-prodotti taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor, taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, tal-frott u l-ħxejjex, tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati, tal-inbid, taċ-ċanga u tal-vitella, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, tal-bajd, tal-laħam tat-tjur u tal-alkoħol etiliku agrikolu. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tieħu deċiżjoni dwarha fi żmien ħamest ijiem ta' ħidma minn meta tirċievi t-talba.";

23. il-punt li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 161(1):

"(dc) inbid;";

24. l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 174(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn is-suq Komunitarju huwa mfixkel jew jista' jkun imfixkel minn ftehim ta' proċessar passiv, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tissospendi l-użu sħiħ jew parzjali ta' ftehim ta' proċessar passiv għas-setturi tal-prodotti taċ-ċereali, ir-ross, il-frott u l-ħxejjex, il-frott u l-ħxejjex ipproċessati, l-inbid, iċ-ċanga u l-vitella, il-laħam tal-majjal, il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż u l-laħam tat-tjur. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tieħu deċiżjoni dwarha fi żmien ħamest ijiem ta' ħidma minn meta tirċievi t-talba.";

25. l-Artikolu 175 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 175*

**Applikazzjoni tal-Artikoli 81 sa 86 tat-Trattat**

Ħlief jekk previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-Artikoli 81 sa 86 tat-Trattat u d-dispożizzjonijiet implimentattivi tiegħu għandhom, soġġett għall-Artikoli 176 sa 177 ta' dan ir-Regolament, japplikaw għall-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki kollha msemmijin fl-Artikoli 81(1) u 82 tat-Trattat li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni jew il-kummerċ tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament.";

26. l-Artikolu 180 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 180*

**Applikazzjoni tal-Artikoli 87,88 u 89 tat-Trattat**

L-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-produzzjoni ta', u kummerċ fil-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

Madankollu, l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għall-pagamenti magħmula taħt l-Artikoli 44 sa 48, 102, 102a, 103, 103a, 103b, 103e, 103ga, 104, 105, 182 u 182a, is-Subtaqsima III tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II u t-Taqsima IVb tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II ta' dan ir-Regolament mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament. Minkejja dan, fir-rigward tal-Artikolu 103n(4) m'għandux japplika biss l-Artikolu 88 tat-Trattat.";

27. l-Artikolu li ġej għandu jiżdied mal-Kapitolu II tal-Parti IV:

"*Artikolu 182a*

**Għajnuna nazzjonali għad-distillazzjoni tal-inbid f'każijiet ta' kriżi**

1. Mill-1 ta' Awwissu 2012, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali lill-produtturi tal-inbid għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja tal-inbid f'każijiet ġustifikati ta' kriżi.

2. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata u tippermetti li tiġi indirizzata l-kriżi.

3. L-ammont globali ta' għajnuna disponibbli fi Stat Membru fi kwalunkwe sena partikolari għal tali għajnuna ma għandux jaqbeż il-15 % tal-fondi disponibbli globalment għal kull Stat Membru stabbiliti fl-Anness Xb għal dik is-sena.

4. L-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu mill-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippreżentaw notifika debitament sostanzjata lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk il-miżura hijiex approvata u jekk tistax tingħata l-għajnuna.

5. L-alkoħol li jirriżulta mid-distillazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jintuża esklussivament għall-finijiet industrijali jew ta' enerġija sabiex jiġi evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.";

28. il-punti li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Artikolu 184:

"7. sal-31 ta' Diċembru 2011, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri promozzjonali fis-settur tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 103p;

8. sa tmiem is-sena 2012, dwar is-settur tal-inbid, b'konsiderazzjoni partikolari għall-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-riforma.";

29. l-Artikoli li ġejjin għandhom jiddaħħlu:

"*Artikolu 185a*

**Reġistru tal-vinji u inventarju**

1. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru tal-vinji li jkun fih informazzjoni aġġornata dwar il-potenzjal tal-produzzjoni.

2. L-Istati Membri li fihom iż-żona totali mħawla bil-vinji ta' varjetajiet ta' għeneb tal-inbid klassifikabbli skont l-Artikolu 120a(1) hija inqas minn 500 ettaru m'għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri, li jipprovdu għall-miżura 'ristrutturazzjoni u konverżjoni ta' vinji' fil-programmi ta' appoġġ tagħhom skont l-Artikolu 103q, għandhom, abbażi tar-reġistru tal-vinji, jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, inventarju aġġornat tal-potenzjal tal-produzzjoni tagħhom.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar ir-reġistru tal-vinji u l-inventarju, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tagħhom għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-potenzjal tal-produzzjoni u dwar it-tkejjil taż-żoni.

Fi kwalunkwe data wara l-1 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-paragrafi 1 sa 3 ma jibqgħux japplikaw.

*Artikolu 185b*

**Dikjarazzjonijiet obbligatorji fis-settur tal-inbid**

1. Il-produtturi tal-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid u l-produtturi tal-most u tal-inbid għandhom jiddikjaraw kull sena, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-kwantitajiet li jkunu pproduċew mill-aħħar ħsad.

2. L-Istati Membri jistgħu jeżiġu wkoll lin-negozjanti tal-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid li jiddikjaraw kull sena l-kwantitajiet kummerċjalizzati mill-aħħar ħsad.

3. Il-produtturi tal-most u tal-inbid, u n-negozjanti għajr għall-bejjiegħa bl-imnut, għandhom jiddikjaraw kull sena, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-ħażniet tagħhom tal-most u tal-inbid, kemm jekk ikunu mill-ħsad tas-sena attwali kif ukoll jekk ikunu mill-ħsad ta' snin preċedenti. Il-most u l-inbid importati minn pajjiżi terzi għandhom jiġu ddikjarati separatament.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, li b'mod partikolari, jistgħu jinkludu regoli dwar il-penali applikabbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' komunikazzjoni.

*Artikolu 185c*

**Dokumenti ta' akkumpanjament u reġistru fis-settur tal-inbid**

1. Il-prodotti tas-settur tal-inbid jistgħu jiġu ċċirkolati fil-Komunità biss jekk ikollhom dokument ta' akkumpanjament li huwa uffiċjalment ivverifikat.

2. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew grupp ta' persuni li jżommu prodotti koperti mis-settur tal-inbid fl-eżerċizzju tal-kummerċ tagħhom, b'mod partikolari l-produtturi, dawk li jibbottiljaw u l-proċessuri, kif ukoll in-negozjanti li għandhom ikunu ddeterminati mill-Kummissjoni, għandhom ikunu obbligati li jżommu reġistri tad-dħul u l-ħruġ ta' dawk il-prodotti.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 185d*

**Ħatra tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-settur tal-inbid**

1. Mingħajr preġudizzju għal kwaunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan ir-Regolament dwar il-ħatra tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità waħda jew iżjed li għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw konformità mar-regoli Komunitarji fis-settur tal-inbid. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jinnominaw il-laboratorji awtorizzati sabiex iwettqu l-analiżi uffiċjali fis-settur tal-inbid. Il-laboratorji nnominati għandhom jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-operat ta' laboratorji tal-ittestjar stabbiliti fl-ISO/IEC 17025.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet u l-laboratorji msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni, mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1), għandha tippubblika din l-informazzjoni.";

30. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 188a*

**Rappurtar u evalwazzjoni fis-settur tal-inbid**

1. Fir-rigward tat-taħwil illegali li sar wara l-31 ta' Awwissu 1998, u msemmi fl-Artikolu 85a l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, iż-żoni li kienu mħawla bid-dwieli mingħajr dritt għat-taħwil korrispondenti wara l-31 ta' Awwissu 1998, kif ukoll iż-żoni maqlugħa mill-għeruq skont il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.

2. Fir-rigward tar-regolarizzazzjoni obbligatorja tat-taħwil illegali li sar qabel l-1 ta' Settembru 1998 msemmi fl-Artikolu 85b, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu ta' kull sena rilevanti:

(a) iż-żoni mħawla bi dwieli mingħajr id-dritt għat-taħwil korrispondenti qabel l-1 ta' Settembru 1998;

(b) iż-żoni regolarizzati skont il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, il-miżati kif previsti f'dak il-paragrafu kif ukoll il-valur medju tad-drittijiet tat-taħwil reġjonali kif previst fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu.

L-Istati Membri għandhom, għall-ewwel darba sal-1 ta' Marzu 2010, jikkomunikaw lill-Kummissjoni iż-żoni ta' dwieli maqlugħa skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 85b(4).

It-tmiem tal-projbizzjoni tranżizzjonali fuq it-taħwil ġdid fil-31 ta' Diċembru 2015 kif previst fl-Artikolu 85 g(1), m'għandux jolqot l-obbligi previsti f'dan il-paragrafu.

3. Fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna fil-kuntest tal-iskema tal-qlugħ mill-għeruq stabbilita fis-Subtaqsima III tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu ta' kull sena l-applikazzjonijiet aċċettati, maqsumin skont ir-reġjun u skont il-firxa tal-livelli tal-ħsad, u l-ammont totali tal-primjums għall-qlugħ mill-għeruq imħallsin skont ir-reġjun.

Għas-sena tal-inbid preċedenti, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena dwar:

(a) iż-żoni li minnhom inqalgħu d-dwieli maqsuma skont ir-reġjun u skont il-firxa tal-livelli tal-ħsad;

(b) l-ammont totali tal-primjums għall-qlugħ mill-għeruq imħallsa għal kull reġjun.

4. Fir-rigward ta l-eżenzjonijiet mill-eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni fl-iskema tal-qlugħ mill-għeruq skont l-Artikolu 85u, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw il-possibbiltà prevista fil-paragrafi 4 sa 6 ta' dak l-Artikolu għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu ta' kull sena, dwar kif ser tiġi implimentata l-miżura tal-qlugħ mill-għeruq.

(a) iż-żoni ddikjarati ineliġibbli;

(b) il-ġustifikazzjoni tal-ineliġibbiltà skont l-Artikolu 85u(4) u (5).

5. Sa l-1 ta’ Marzu ta’ kull sena, u għall-ewwel darba sal-1 ta’ Marzu 2010, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-programmi ta’ appoġġ tagħhom imsemmija fit-Taqsima IVb tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II matul is-sena finanzjarja preċedenti.

Dawk ir-rapporti għandhom jelenkaw u jiddeskrivu l-miżuri li għalihom ingħatat l-għajnuna Komunitarja taħt il-programmi ta’ appoġġ, u b’mod partikolari, għandhom jipprovdu dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri promozzjonali msemmija fl-Artikolu 103p.

6. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-1 ta’ Marzu 2011 u, għat-tieni darba, sal-1 ta’ Marzu 2014, evalwazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-programmi ta’ appoġġ kif ukoll indikazzjoni ta’ kif tista’ titjieb l-effiċjenza tagħhom.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu.”;

31. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

“*Artikolu 190a*

**Trasferiment ta’ ammonti disponibbli fis-settur tal-inbid għall-iżvilupp rurali**

1. L-ammonti ffissati fil-paragrafu 2, ibbażati fuq l-infiq fl-imgħoddi skont ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 għal miżuri ta’ intervent sabiex jiġu regolati s-swieq agrikoli kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, għandhom ikunu disponibbli bħala fondi Komunitarji addizzjonali għal miżuri f’reġjuni li jipproduċu l-inbid taħt il-programmi għall-iżvilupp rurali ffinanzjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

2. L-ammonti li ġejjin għandhom ikunu disponibbli fis-snin kalendarji indikati:

— 2009: EUR 40 660 000,

— 2010: EUR 82 110 000,

— mill-2011 ‘il quddiem: EUR 122 610 000.

3. L-ammonti stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri skont l-Anness Xc.”;

32. il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 194:

“Il-Kummissjoni tista’ tiddetermina wkoll ir-regoli dwar il-kejl ta’ żoni fis-settur tal-inbid li jiżguraw l-applikazzjoni uniformi ta’ dispożizzjonijiet Komunitarji kif stabbiliti f’dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli jistgħu, b’mod partikolari, jikkonċernaw il-kontrolli u r-regoli li jirregolaw il-proċeduri finanzjarji speċifiċi għat-titjib tal-kontrolli.”;

33. l-Artikolu li ġej għandu jiżdied mal-Parti VIddaħħal:

“*Artikolu 194a*

**Kompatibbiltà mas-sistema integrata ta’ ġestjoni u kontroll**

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament fis-settur tal-inbid, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi u ta’ kontroll imsemmija fl-ewwel u fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 194, li jirrelataw maż-żoni huma kompatibbli mas-sistema integrata ta’ ġestjoni u kontroll (IACS) fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

(a) id-database kompjuterizzata;

(b) is-sistemi ta’ identifikazzjoni għal raba’ agrikolu imsemmija fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

(c) il-kontrolli ammnistrattivi.

Il-proċeduri għandhom jippermettu, mingħajr l-ebda problema jew konflitt, funzjonament komuni jew l-iskambju ta’ data mal-IACS.”;

34. l-Artikolu 195 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tat-Tmexxija għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ ‘il-Kumitat ta’ Tmexxija’).”;

(b) għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“3. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita wkoll minn Kumitat Regolatorju;

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE

Il-perijodu ta’ żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta’ tliet xhur.”;

35. l-Artikolu 196 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 196*

**Organizzazzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija**

L-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija msemmi fl-Artikolu 195(1), għandha tqis, b'mod partikolari, l-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħha, l-ispeċifiċitajiet tas-suġġett li għandu jiġi ttrattat, u l-ħtieġa li jkun involut għarfien espert adattat.";

36. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 203b*

**Regoli tranżizzjonali fis-settur tal-inbid**

Il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiffaċilita t-tranżizzjoni mill-arranġamenti previsti fir-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999 u (KE) Nru 479/2008 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.";

37. l-Annessi għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) il-Parti IIIa, li t-test tagħha jidher fl-Anness I għal dan ir-Regolament, għandha tiddaħħal;

(b) l-Annessi Xb, Xc, Xd u Xe, li t-test tagħhom jidher fl-Anness III għal dan ir-Regolament, għandhom jiddaħħlu;

(c) l-Anness XIb, li t-test tiegħu jidher fl-Anness III għal dan ir-Regolament, għandu jiddaħħal;

(d) l-Annessi XVa u XVb, li t-test tagħhom jidher fl-Anness III għal dan ir-Regolament, għandhom jiddaħħlu;

(e) il-punt 47, li t-test tiegħu jidher fl-Anness V għal dan ir-Regolament, għandu jiżdied mal-Anness XXII.

*Artikolu 2*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1184/2006**

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi r-regoli li għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikoli 81 sa 86 u ċerti dispożizzjonijiet tal-Artikolu 88 tat-Trattat fir-rigward tal-produzzjoni ta', jew il-kummerċ fil-prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat bl-eċċezzjoni tal-prodotti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (*).

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.".

*Artikolu 3*

**Tħassir u applikabbiltà tranżizzjonali kontinwata**

1. Soġġett għall-paragrafu 2, ir-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandu jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u għandhom jinqraw skont it-tabelli ta' korrelazzjoni rispettivi stabbiliti fl-Anness XXII għal dak ir-Regolament.

2. L-Artikolu 128(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandu jibqa' japplika għall-miżuri u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ŠEBESTA

*ANNESS I*

"**Parti IIIa: Definizzjonijiet dwar is-settur tal-inbid**

Termini marbutin mad-dwieli

1. 'Qlugħ mill-għeruq' tfisser l-eliminazzjoni kompleta tad-dwieli kollha minn żona mħawla bid-dwieli.

2. 'Taħwil' tfisser it-tqegħid definittiv ta' pjanti tad-dwieli jew partijiet minn pjanti tad-dwieli, kemm jekk imlaqqma u kemm jekk le, bl-għan tal-produzzjoni ta' għeneb jew ta' stabbiliment ta' mixtel għat-tilqim.

3. 'Tilqim mill-ġdid' tfisser it-tilqim ta' dielja li diġà tlaqqmet qabel.

Termini marbutin mal-prodotti

4. 'Għeneb frisk' tfisser il-frott tad-dielja użat għall-produzzjoni tal-inbid, misjur jew anki kemmxejn imqadded, li jista' jinsaħaq jew jingħasar permezz ta' mezzi normali ta' kantini tal-inbid u li jistgħu spontanjament jipproduċu fermentazzjoni alkoħolika.

5. 'Most tal-għeneb frisk b'fermentazzjoni mmewta biż-żieda tal-alkoħol' tfisser prodott li:

   (a) għandu qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 12 % vol. u mhux aktar minn 15 % vol.;

   (b) jinkiseb biż-żieda mal-most mhux fermentat tal-għeneb, li jkollu qawwa alkoħolika naturali ta' mhux inqas minn 8.5 % vol u li huwa dderivat esklussivament mill-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid klassifikabbli skont l-Artikolu 120a(2):

      (i) jew alkoħol newtrali mid-dwieli, inkluż alkoħol miksub mid-distillazzjoni ta' għeneb imqadded, li jkollu qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 96 % vol.;

      (ii) jew ta' prodott mhux rettifikat miksub mid-distillazzjoni ta' nbid u li jkollu qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 52 % vol. u mhux aktar minn 80 % vol.

6. 'Meraq tal-għeneb' tfisser il-prodott likwidu mhux fermentat, li iżda jista' jiġi fermentat, li:

   (a) jinkiseb permezz ta' metodi xierqa li jagħmluh tajjeb għall-konsum kif inhu;

   (b) jinkiseb minn għeneb frisk jew mill-most tal-għeneb, jew bir-rikostituzzjoni. Fejn jinkiseb bir-rikostituzzjoni, dan għandu jsir minn most tal-għeneb konċentrat jew minn meraq tal-għeneb konċentrat.

   Qawwa alkoħolika reali tal-meraq tal-għeneb ta' mhux aktar minn 1 % vol. hija permessa.

7. 'Meraq tal-għeneb konċentrat' tfisser meraq tal-għeneb mhux karamellizzat miksub permezz ta' deidratazzjoni parzjali tal-meraq tal-għeneb imwettqa bi kwalunkwe metodu awtorizzat għajr bis-sħana diretta, b'tali mod li ċ-ċifra indikata fir-refrattometru użat skont metodu li għandu jiġi ddeterminat f'temperatura ta' 20 °C ma tkunx anqas minn 50,9 %.

   Qawwa alkoħolika reali tal-meraq tal-għeneb konċentrat ta' mhux aktar minn 1 % vol. hija permessa.

8. 'Karfa tal-inbid' tfisser ir-residwu:

   (a) li jakkumula f'kontenituri li jkun fihom l-inbid wara l-fermentazzjoni, matul il-ħażna jew wara trattament awtorizzat;

   (b) li jinkiseb bl-iffiltrar jew biċ-ċentrifugazzjoni tal-prodott imsemmi fil-punt (a);

   (c) li jakkumula f'kontenituri li jkun fihom il-most tal-għeneb matul il-ħażna jew wara trattament awtorizzat;

   (d) li jinkiseb bl-iffiltrar jew biċ-ċentrifugazzjoni tal-prodott imsemmi fil-punt (c).

9. 'Residwu mill-għasra' tfisser ir-residwu wara l-għasir tal-għeneb frisk, sew jekk fermentat sew jekk le.

10. ‘Piquette’ tfisser prodott miksub permezz:

(a) tal-fermentazzjoni tar-residwu mill-għasra mhux trattat immaċerat fl-ilma;

(b) tal-lissija tar-residwu mill-għasra ffermentata fl-ilma.

11. ‘Nbid imqawwi għad-distillazzjoni’ tfisser prodott li:

(a) għandu qawwa alkoħolika reali ta’ mhux inqas minn 18 % vol. u mhux aktar minn 24 % vol.;

(b) jinkiseb esklussivament permezz taż-żieda ma’ nbid mingħajr zokkor residwali ta’ prodott mhux rettifikat miksub mid-distillazzjoni tal-inbid u li għandu qawwa alkoħolika reali massima ta’ 86 % vol.; jew

(c) għandu aċidità volatili massima ta’ 1.5 gramma għal kull litru, espressa bħala aċidu aċetiku.

12. ‘Cuvée’ tfisser:

(a) most tal-għeneb;

(b) l-inbid;

(c) it-taħlita ta’ most tal-għeneb u/jew inbejjed b’karatteristiċi differenti, maħsuba għall-preparazzjoni ta’ tip speċifiku ta’ nbid frizzanti.

Termini marbutin mal-qawwa alkoħolika

13. ‘Qawwa alkoħolika reali skont il-volum’ tfisser l-għadd ta’ volumi ta’ alkoħol pur, f’temperatura ta’ 20 °C, li jinsab f’100 volum tal-prodott f’dik it-temperatura.

14. ‘Qawwa alkoħolika potenzjali skont il-volum’ tfisser l-għadd ta’ volumi ta’ alkoħol pur, f’temperatura ta’ 20 °C, kapaċi li jiġi prodott bil-fermentazzjoni totali taz-zokkor, li jinsab f’100 volum tal-prodott f’dik it-temperatura.

15. ‘Qawwa alkoħolika totali skont il-volum’ tfisser is-somma tal-qawwa alkoħolika reali u dik potenzjali.

16. ‘Qawwa alkoħolika naturali skont il-volum’ tfisser il-qawwa alkoħolika totali bil-volum ta’ prodott qabel ma jsir kwalunkwe arrikkiment.

17. ‘Qawwa alkoħolika reali skont il-piż’ tfisser l-għadd ta’ kilogrammi ta’ alkoħol pur li hemm f’100 kilogramma tal-prodott.

18. ‘Qawwa alkoħolika potenzjali skont il-piż’ tfisser l-għadd ta’ kilogrammi ta’ alkoħol pur kapaċi li jiġi prodott bil-fermentazzjoni totali taz-zokkor, li jinsab f’100 kilogramma tal-prodott.

19. ‘Qawwa alkoħolika totali skont il-piż’ tfisser is-somma tal-qawwa alkoħolika reali u dik potenzjali.”

*ANNESS II*

*"ANNESS Xb*

**BAĠIT GĦALL-PROGRAMMI TA' APPOĠĠ (IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 103N(1))**

*f'1 000 EUR*

| Sena tal-baġit | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | mill-2014 'il quddiem |
|---|---|---|---|---|---|---|
| BG | 15 608 | 21 234 | 22 022 | 27 077 | 26 742 | 26 762 |
| CZ | 2 979 | 4 076 | 4 217 | 5 217 | 5 151 | 5 155 |
| DE | 22 891 | 30 963 | 32 190 | 39 341 | 38 867 | 38 895 |
| EL | 14 286 | 19 167 | 19 840 | 24 237 | 23 945 | 23 963 |
| ES | 213 820 | 284 219 | 279 038 | 358 000 | 352 774 | 353 081 |
| FR | 171 909 | 226 814 | 224 055 | 284 299 | 280 311 | 280 545 |
| IT (*) | 238 223 | 298 263 | 294 135 | 341 174 | 336 736 | 336 997 |
| CY | 2 749 | 3 704 | 3 801 | 4 689 | 4 643 | 4 646 |
| LT | 30 | 37 | 45 | 45 | 45 | 45 |
| LU | 344 | 467 | 485 | 595 | 587 | 588 |
| HU | 16 816 | 23 014 | 23 809 | 29 455 | 29 081 | 29 103 |
| MT | 232 | 318 | 329 | 407 | 401 | 402 |
| AT | 8 038 | 10 888 | 11 313 | 13 846 | 13 678 | 13 688 |
| PT | 37 802 | 51 627 | 53 457 | 65 989 | 65 160 | 65 208 |
| RO | 42 100 | 42 100 | 42 100 | 42 100 | 42 100 | 42 100 |
| SI | 3 522 | 3 770 | 3 937 | 5 119 | 5 041 | 5 045 |
| SK | 2 938 | 4 022 | 4 160 | 5 147 | 5 082 | 5 085 |
| UK | 0 | 61 | 67 | 124 | 120 | 120 |

(*) Il-limiti massimi nazzjonali fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għall-Italja korrispondenti għas-snin 2008, 2009 u 2010 huma mnaqqsa b'EUR 20 miljun u dawk l-ammonti ġew inklużi fl-ammonti tal-baġit tal-Italja għas-snin 2009, 2010 u 2011 kif stabbilit f'din it-tabella.

*ANNESS Xc*

**ALLOKAZZJONI TAL-BAĠIT GĦALL-IŻVILUPP RURALI (IMSEMMI FL-ARTIKOLU 190A(3))**

*f'1 000 EUR*

| Sena tal-baġit | 2009 | 2010 | Mill-2011 'il quddiem |
|---|---|---|---|
| BG | — | — | — |
| CZ | — | — | — |
| DE | — | — | — |
| EL | — | — | — |
| ES | 15 491 | 30 950 | 46 441 |
| FR | 11 849 | 23 663 | 35 512 |
| IT | 13 160 | 26 287 | 39 447 |
| CY | — | — | — |
| LT | — | — | — |
| LU | — | — | — |
| HU | — | — | — |
| MT | — | — | — |
| AT | — | — | — |
| PT | — | — | — |
| RO | — | — | — |
| SI | — | 1 050 | 1 050 |
| SK | — | — | — |
| UK | 160 | 160 | 160 |

*ANNESS Xd*

**BAĠIT GĦALL-ISKEMA TA' QLUGĦ MILL-GĦERUQ**

Il-baġit disponibbli għall-iskema ta' qlugħ mill-għeruq imsemmija fl-Artikolu 85s(3) għandu jkun:

(a) għas-sena tal-inbid 2008/2009 (sena tal-baġit 2009): EUR 464 000 000;

(b) għas-sena tal-inbid 2009/2010 (sena tal-baġit 2010): EUR 334 000 000;

(c) għas-sena tal-inbid 2010/2011 (sena tal-baġit 2011): EUR 276 000 000.

*ANNESS Xe*

**ŻONI LI L-ISTATI MEMBRI JISTGĦU JIDDIKJARAW BĦALA MHUX ELIĠIBBLI GĦALL-ISKEMA TA' QLUGĦ MILL-GĦERUQ (IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 85U(1), (2) U (5))**

*ettari*

| Stat Membru | Żona totali mħawla bid-dwieli | Żoni msemmija fl-Artikolu 85u(5) |
|---|---|---|
| BG | 135 760 | 4 073 |
| CZ | 19 081 | 572 |
| DE | 102 432 | 3 073 |
| EL | 69 907 | 2 097 |
| ES | 1 099 765 | 32 993 |
| FR | 879 859 | 26 396 |
| IT | 730 439 | 21 913 |
| CY | 15 023 | 451 |
| LU | 1 299 | 39 |
| HU | 85 260 | 2 558 |
| MT | 910 | 27 |
| AT | 50 681 | 1 520 |
| PT | 238 831 | 7 165 |
| RO | 178 101 | 5 343 |
| SI | 16 704 | 501 |
| SK | 21 531 | 646" |

*ANNESS III*

*"ANNESS XIb*

**KATEGORIJI TAL-PRODOTTI TAD-DWIELI**

1. **Nbid**

L-inbid huwa l-prodott miksub esklussivament mill-fermentazzjoni alkoħolika totali jew parzjali ta' għeneb frisk, sew jekk misħuq sew jekk le, jew ta' most.

L-inbid għandu:

(a) ikollu, kemm jekk ikunu saru l-proċessi speċifikati fil-punt B tal-Anness XVa u kemm jekk le, qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 8,5 % vol., sakemm l-inbid ikun inkiseb esklussivament minn għeneb maħsud fiż-żoni ta' vitikultura A u B imsemmijin fl-Appendiċi għal dan l-Anness, u ta' mhux inqas minn 9 % vol. f'żoni ta' vitikultura oħrajn;

(b) ikollu, b'deroga mill-qawwa alkoħolika reali minima bil-volum applikabbli ġeneralment, fejn ikollu denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, kemm jekk ikunu saru l-proċessi speċifikati fil-punt B tal-Anness XVa u kemm jekk le, qawwa alkoħolika reali ta' mhux anqas minn 4,5 % vol.;

(c) ikollu qawwa alkoħolika totali ta' mhux aktar minn 15 % vol.. Madankollu, b'deroga:

— il-limitu massimu għall-qawwa alkoħolika totali jista' jilħaq sa 20 % vol. għal inbejjed prodotti mingħajr ebda arrikkiment minn ċerti żoni tal-vitikultura tal-Komunità, li għandhom jiġu deċiżi mill-kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4),

— il-limitu massimu għall-qawwa alkoħolika totali jista' jeċċedi 15 % vol. għal inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini protetta li jkunu ġew prodotti mingħajr arrikkiment;

(d) ikollu, soġġett għal derogi li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni skod il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), kontenut totali ta' aċidità, espress bħala aċidu tartariku, ta' mhux inqas minn 3,5 gramma għal kull litru jew 46,6 milliekwivalent għal kull litru.

Ir-'Retsina' hija l-inbid prodott esklussivament fit-territorju ġeografiku tal-Greċja permezz ta' most tal-għeneb ittrattat bir-reżina miż-żnuber tal-Aleppo. L-użu tar-reżina miż-żnuber tal-Aleppo huwa permess biss għall-finijiet tal-produzzjoni tal-inbid 'Retsina' taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet Griegi applikabbli.

B'deroga mill-punt (b) it-'Tokaji eszencia' u t-'Tokajská esencia' huma meqjusin bħala nbid.

2. **Nbid ġdid li għadu fil-fermentazzjoni**

L-inbid ġdid li għadu fil-fermentazzjoni huwa l-prodott li fih il-fermentazzjoni alkoħolika tkun għadha ma ntemmitx, u li jkun għadu ma nfiridx mill-karfa tiegħu.

3. **Nbid likur**

L-inbid likur huwa l-prodott:

(a) li għandu qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 15 % u mhux aktar minn 22 % vol.;

(b) li għandu qawwa alkoħolika totali ta' mhux inqas minn 17,5 % vol., għajr għal ċerti nbejjed likur b'denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika elenkata f'lista li għandha titfassal mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4);

(c) li jinkiseb minn:

— most tal-għeneb fil-fermentazzjoni,

— nbid,

— taħlita tal-prodotti ta' hawn fuq, jew

— most tal-għeneb jew taħlita ta' most u nbid fil-każ ta' nbejjed likur, b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta li l-Kummissjoni għandha tiddetermina skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4);

(d) li għandu qawwa alkoħolika totali inizjali ta' mhux inqas minn 12 % vol., għajr għal ċerti nbejjed likur b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta elenkati f'lista li għandha titfassal mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4);

(e) li miegħu jkun ġie miżjud dan li ġej;

(i) individwalment jew f'taħlita:

— alkoħol newtrali mid-dwieli, inkluż alkoħol miksub mid-distillazzjoni ta' għeneb imqadded, li jkollu qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 96 % vol.,

— distillat tal-inbid jew tal-għeneb imqadded, li jkollu qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 52 % vol. u mhux iżjed minn 86 % vol.,

(ii) flimkien ma' wieħed jew iżjed mill-prodotti li ġejjin, fejn xieraq:

— most tal-għeneb konċentrat,

— taħlita ta' wieħed mill-prodotti msemmija fil-punt (e)(i) b'most tal-għeneb imsemmi fl-ewwel u r-raba' inċiżi tal-punt (c);

(f) li miegħu jkun ġie miżjud, b'deroga mill-punt (e), fil-każ ta' ċerti nbejjed likur b'denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, elenkati f'lista li għandha titfassal mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4):

(i) xi wieħed mill-prodotti elenkati fil-punt (e)(i), individwalment jew f'taħlita; jew

(ii) wieħed jew iżjed mill-prodotti li ġejjin:

— alkoħol tal-inbid jew tal-għeneb imqadded, li jkollu qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 95 % vol. u mhux iżjed minn 96 % vol.,

— spirti distillati mill-inbid jew mir-residwu mill-għasra, li jkollhom qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 52 % vol. u mhux aktar minn 86 % vol.,

— spirti distillati minn għeneb imqadded, li jkollhom qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 52 % vol. u mhux aktar minn 94.5 % vol.; u

(iii) wieħed jew iżjed mill-prodotti li ġejjin, fejn xieraq:

— il-most tal-għeneb parzjalment fermentat, magħmul minn għeneb imqadded,

— il-most tal-għeneb konċentrat magħmul permezz ta' sħana diretta, li jkun konformi, bl-eċċezzjoni ta' din l-operazzjoni, mad-definizzjoni ta' most konċentrat tal-għeneb,

— most tal-għeneb konċentrat,

— taħlita ta' wieħed mill-prodotti elenkati fil-punt (f)(ii) ma' most tal-għeneb imsemmi fl-ewwel u r-raba' inċiż tal-punt (c).

4. **Nbid frizzanti**

L-inbid frizzanti għandu jkun il-prodott:

(a) li jinkiseb permezz tal-ewwel jew it-tieni fermentazzjoni alkoħolika:

— minn għeneb frisk,

— minn most tal-għeneb, jew

— mill-inbid;

(b) li, meta jinfetaħ il-kontenitur, jerħi diossidu tal-karbonju li ġej esklussivament mill-fermentazzjoni;

(c) li għandu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju fit-taħlita, ta' mhux inqas minn 3 bar meta jinżamm f'temperatura ta' 20 °C f'kontenituri magħluqa;

(d) li għalih, il-qawwa alkoħolika totali tal-*cuvées* intenzjonata għall-preparazzjoni tagħhom ma għandhiex tkun inqas minn 8,5 % vol..

5. **Nbid frizzanti ta' kwalità**

L-inbid frizzanti ta' kwalità huwa l-prodott:

(a) li jinkiseb permezz tal-ewwel jew it-tieni fermentazzjoni alkoħolika:

— minn għeneb frisk,

— minn most tal-għeneb, jew

— mill-inbid;

(b) li, meta jinfetaħ il-kontenitur, jerħi diossidu tal-karbonju li ġej esklussivament mill-fermentazzjoni;

(c) li għandu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju fit-taħlita, ta' mhux inqas minn 3.5 bar meta jinżamm f'temperatura ta' 20 °C f'kontenituri magħluqa; u

(d) li għalih, il-qawwa alkoħolika totali tal-*cuvées* intenzjonata għall-preparazzjoni tagħhom ma għandhiex tkun inqas minn 9 % vol..

6. **Nbid frizzanti aromatiku ta' kwalità**

Nbid frizzanti aromatiku ta' kwalità għandu jkun l-inbid frizzanti ta' kwalità:

(a) li jinkiseb biss billi jsir użu, meta jsir il-*cuvée*, minn most tal-għeneb jew most tal-għeneb fil-fermentazzjoni li huwa derivat minn varjetajiet ta' għeneb tal-inbid f'lista li għandha titfassal mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4). L-inbejjed frizzanti aromatiċi ta' kwalità prodotti tradizzjonalment bl-użu ta' nbejjed meta jsir il-cuvée, għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikou 195(4);

(b) li għandu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju fit-taħlita, ta' mhux inqas minn 3 bar meta jinżamm f'temperatura ta' 20 ºC f'kontenituri magħluqa;

(c) li minnu l-qawwa alkoħolika reali ma tistax tkun inqas minn 6 % vol.; u

(d) li minnu l-qawwa alkoħolika reali ma tistax tkun inqas minn 10 % vol..

Regoli speċifiċi dwar karatteristiċi supplimentari oħrajn jew kondizzjonijiet tal-produzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4).

7. **Nbid frizzanti bil-gass**

L-inbid frizzanti bil-gass huwa l-prodott li:

(a) jinkiseb minn inbid mingħajr denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta;

(b) li, meta jinfetaħ il-kontenitur, jerħi diossidu tal-karbonju li ġej totalment jew parzjalment minn żieda ta' dan il-gass; u

(c) li għandu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju fit-taħlil, ta' mhux anqas minn 3 bar meta miżmum f'temperatura ta' 20 °C f'kontenituri magħluqa.

8. **Nbid semifrizzanti**

L-inbid semifrizzanti huwa l-prodott li:

(a) jinkiseb mill-inbid, sakemm dan l-inbid ikollu qawwa alkoħolika totali ta' mhux inqas minn 9 % vol.;

(b) għandu qawwa alkoħolika reali ta' mhux inqas minn 7 % vol.;

(c) għandu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju endoġenu fit-taħlil, ta' mhux anqas minn 1 bar u mhux aktar minn 2.5 bar meta miżmum f'temperatura ta' 20 °C f'kontenituri magħluqa; u

(d) jitpoġġa f'kontenituri ta' 60 litru jew anqas.

9. **Nbid semifrizzanti bil-gass**

L-inbid semifrizzanti bil-gass huwa l-prodott li:

(a) jinkiseb mill-inbid;

(b) għandu qawwa alkoħolika reali ta' mhux anqas minn 7 % vol. u qawwa alkoħolika totali ta' mhux anqas minn 9 % vol.;

(c) għandu pressjoni żejda ta' mhux anqas minn 1 bar u mhux iżjed minn 2.5 bar meta miżmum f'temperatura ta' 20 °C f'kontenituri magħluqa, minħabba d-diossidu tal-karbonju fit-taħlil li jkun ġie totalment jew parzjalment miżjud; u

(d) jiġi ppreżentat f'kontenituri ta' 60 litru jew anqas.

10. **Most tal-għeneb**

Il-most tal-għeneb huwa l-prodott likwidu miksub b'mod naturali jew permezz ta' proċessi fiżiċi minn għeneb frisk. Qawwa alkoħolika reali tal-most tal-għeneb ta' mhux aktar minn 1 % vol. hija permessa.

11. **Most tal-għeneb parzjalment fermentat**

Il-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni għandu jkun il-prodott miksub mill-fermentazzjoni ta' most tal-għeneb, li għandu qawwa alkoħolika reali ta' aktar minn 1 % vol. iżda ta' inqas minn tlieta minn ħamsa tal-qawwa alkoħolika totali skont il-volum.

12. **Most tal-għeneb parzjalment fermentat miksub minn għeneb imqadded**

Il-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni estratt minn għeneb imqadded għandu jkun il-prodott li jinkiseb mill-fermentazzjoni parzjali ta' most tal-għeneb miksub minn għeneb imqadded, li l-kontenut totali ta' zokkor tiegħu qabel il-fermentazzjoni huwa ta' mill-inqas 272 gramma għal kull litru, u li l-qawwa alkoħolika naturali u reali tiegħu m'għandhiex tkun inqas minn 8 % vol. Madankollu, anke jekk jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti, ċerti nbejjed, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), m'għandhomx jitqiesu bħala most tal-għeneb fil-fermentazzjoni estratt minn għeneb imqadded.

13. **Most tal-għeneb konċentrat**

Most tal-għeneb konċentrat għandu jkun most tal-għeneb mhux karamellizzat li jinkiseb permezz ta' deidratazzjoni parzjali ta' most tal-għeneb imwettqa bi kwalunkwe metodu awtorizzat għajr bis-sħana diretta, b'tali mod li ċ-ċifra indikata fir-refrattometru użat skont metodu li għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 120 g, f'temperatura ta' 20 °C, mhiex inqas minn 50,9 %.

Qawwa alkoħolika reali tal-most tal-għeneb konċentrat ta' mhux aktar minn 1 % vol. hija permessa.

14. **Most tal-għeneb konċentrat u rrettifikat**

Il-most tal-għeneb konċentrat u rrettifikat huwa l-prodott likwidu mhux karamellizzat:

(a) li jinkiseb permezz ta' deidratazzjoni parzjali ta' most tal-għeneb imwettqa bi kwalunkwe metodu awtorizzat għajr bis-sħana diretta, b'tali mod li ċ-ċifra indikata fir-refrattometru użat skont metodu li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 120 g, f'temperatura ta' 20 °C, ma tkunx anqas minn 61,7 %;

(b) li jkun għadda minn trattament awtorizzat għad-diaċidifikazzjoni u t-tneħħija ta' kostitwenti għajr iz-zokkor;

(c) li għandu l-karatteristiċi li ġejjin:

— pH ta' mhux aktar minn 5 f'valur ta' 25 °Brix,

— densità ottika ta' 425 nm għal ħxuna ta' 1 ċm ta' mhux aktar minn 0,100 f'most tal-għeneb konċentrat f'valur ta' 25 °Brix,

— kontenut ta' sukrożju li ma jinsabx b'metodu ta' analiżi li għandu jiġi stabbilit,

— indiċi Folin-Ciocalteu ta’ mhux aktar minn 6,00 f’valur ta’ 25 °Brix,

— aċidità titrattabbli ta’ mhux aktar minn 15 milliekwivalenti għal kull kilogramma ta’ zokkor totali,

— kontenut ta’ diossidu tal-kubrit ta’ mhux aktar minn 25 milliekwivalenti għal kull kilogramma ta’ zokkor totali,

— kontenut totali ta’ katjoni ta’ mhux aktar minn 8 milliekwivalenti għal kull kilogramma ta’ zokkor totali,

— konduttività f’valur ta’ 25 °Brix u 20 °C ta’ mhux aktar minn 120 mikro-Siemens/ċm,

— kontenut ta’ idrossimetilfurfural ta’ mhux aktar minn 25 milligramma għal kull kilogramma ta’ zokkor totali,

— preżenza ta’ mesoinositol.

Qawwa alkoħolika reali tal-most tal-għeneb konċentrat u rrettifikat ta’ mhux aktar minn 1 % vol. hija permessa.

15. **Nbid minn għeneb imqadded**

L-inbid minn għeneb imqadded għandu jkun il-prodott li:

(a) jiġi prodott mingħajr arrikkiment, minn għeneb li jitħalla fix-xemx jew fid-dell sabiex issir deidratazzjoni parzjali;

(b) għandu qawwa alkoħolika totali ta’ mhux inqas minn 16 % vol. u qawwa alkoħolika reali ta’ mhux inqas minn 9 % vol.; u

(c) għandu qawwa alkoħolika naturali ta’ aktar minn 16 % vol. (jew 272 gramma zokkor għal kull litru).

16. **Nbid minn għeneb misjur iżżejjed**

L-inbid minn għeneb misjur iżżejjed għandu jkun il-prodott li:

(a) jiġi prodott mingħajr arrikkiment;

(b) għandu qawwa alkoħolika naturali ta’ aktar minn 15 % vol.; u

(c) għandu qawwa alkoħolika totali ta’ mhux inqas minn 15 % vol. u qawwa alkoħolika reali ta’ mhux inqas minn 12 % vol.

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw perijodu ta’ maturazzjoni għal dan il-prodott.

17. **Ħall tal-inbid**

Il-ħall tal-inbid huwa ħall li:

(a) jinkiseb esklussivament permezz tal-fermentazzjoni aċetuża tal-inbid;

(b) għandu aċidità totali ta’ mhux anqas minn 60 gramma għal kull litru, espressa bħala aċidu aċetiku.

*Appendiċi għall-Anness XIb*

Iż-żoni ta' vitikultura

Iż-żoni ta' vitikultura għandhom ikunu dawn li ġejjin:

1. Iż-żona ta' vitikultura A tinkludi:

(a) fil-Ġermanja: iż-żoni mħawlin bid-dwieli minbarra dawk inklużi fil-paragrafu 2(a);

(b) fil-Lussemburgu: ir-reġjun ta' vitikultura tal-Lussemburgu;

(c) fil-Belġju, fid-Danimarka, fl-Irlanda, fl-Olanda, fil-Polonja, fir-Renju Unit u fl-Isvezja: iż-żoni ta' vitikultura ta' dawn il-pajjiżi;

(d) fir-Repubblika Ċeka: ir-reġjun ta' vitikultura ta' Čechy.

2. Iż-żona ta' vitikultura B tinkludi:

(a) fil-Ġermanja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjun speċifikat ta' Baden;

(b) fi Franza, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fid-dipartimenti mhux imsemmijin f'dan l-Anness u fid-dipartimenti li ġejjin:

— f'Alsace: Bas-Rhin, Haut-Rhin,

— f'Lorraine: Meurthe-et-Moselle, Meuse, Moselle, Vosges,

— f'Champagne: Aisne, Aube, Marne, Haute-Marne, Seine-et-Marne,

— f'Jura: Ain, Doubs, Jura, Haute-Saône,

— f'Savoie: Savoie, Haute-Savoie, Isère (commune de Chapareillan),

— fil-Val de Loire: Cher, Deux-Sèvres, Indre, Indre-et-Loire, Loir-et-Cher, Loire-Atlantique, Loiret, Maine-et-Loire, Sarthe, Vendée, Viene, u ż-żoni bid-dwieli fl-arrondissement ta' Cosne-sur-Loire fid-dipartiment ta' Nièvre;

(c) fl-Awstrija, iż-żona ta' vitikultura Awstrijaka;

(d) fir-Repubblika Ċeka, iż-żona ta' vitikultura tal-Moravja u ż-żoni mħawlin bid-dwieli mhux inklużi fil-paragrafu 1(d);

(e) fis-Slovakkja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin: Malokarpatská vinohradnícka oblast', Južnoslovenská vinohradnícka oblast', Nitrianska vinohradnícka oblast', Stredoslovenská vinohradnícka oblast', Východoslovenská vinohradnícka oblast' u ż-żoni ta' vitikultura mhux inklużi fil-punt 3(f);

(f) fis-Slovenja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin:

— fir-reġjun ta' Podravje: Štajerska Slovenija, Prekmurje,

— fir-reġjun ta' Posavje: Bizeljsko Sremič, Dolenjska u Bela krajina, u ż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni mhux inklużi fil-paragrafu 4(d);

(g) fir-Rumanija, iż-żona ta' Podișul Transilvaniei.

3. Iż-żona ta' vitikultura C I tinkludi:

(a) fi Franza, iż-żoni bid-dwieli:

— f'dawn id-dipartimenti li ġejjin: Allier, Alpes-de-Haute-Provence, Hautes-Alpes, Alpes-Maritimes, Ariège, Aveyron, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Corrèze, Côte-d'Or, Dordogne, Haute-Garonne, Gers, Gironde, Isère (bl-eċċezzjoni tal-arrondissement ta' Chapareillan), Landes, Loire, Haute-Loire, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Nièvre (bl-eċċezzjoni tad-distrett ta' Cosne-sur-Loire), Puy-de-Dôme, Pyrénées-Atlantiques, Hautes-Pyrénées, Rhône, Saône-et-Loire, Tarn, Tarn-et-Garonne, Haute-Vienne, Yonne;

— fl-arrondissements ta' Valence u Die fid-dipartiment ta' Drôme (minbarrafil-cantons ta' Dieulefit, Loriol, Marsanne u Montélimar),

— Fl-arrondissement ta' Tournon, fil-cantons ta' Antraigues, Burzet, Coucouron, Montpezat-sous-Bauzon, Privas, Saint-Etienne de Lugdarès, Saint-Pierreville, Valgorge u Voulte-sur-Rhône fid-dipartiment ta' Ardèche;

(b) fl-Italja, iż-żoni bid-dwieli fir-reġjun ta' Valle d'Aosta u fil-provinċji ta' Sondrio, Bolzano, Trento u Belluno;

(c) fi Spanja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fil-provinċji ta' A Coruña, Asturias, Cantabria, Guipúzcoa u Vizcaya;

(d) fil-Portugall, iż-żoni bid-dwieli f'dik il-parti tar-reġjun tat-Tramuntana li tikkorrispondi għaż-żona ddenominata tal-inbid ta' 'Vinho Verde', kif ukoll il-'Concelhos de Bombarral, Lourinhã, Mafra e Torres Vedras' (bl-eċċezzjoni ta' 'Freguesias da Carvoeira e Dois Portos'), li jifformaw parti mir-'Região viticola da Extremadura';

(e) fl-Ungerija, iż-żoni kollha mħawlin bid-dwieli;

(f) fis-Slovakkja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli f'Tokajská vinohradnícka oblast';

(g) fir-Rumanija, żoni mħawlin bid-dwieli mhux inklużi fil-paragrafi 2(g) jew 4(f).

4. Iż-żona ta' vitikultura C II tinkludi:

(a) fi Franza, iż-żoni mħawlin bid-dwieli:

— f'dawn id-dipartimenti li ġejjin: Aude, Bouches-du-Rhône, Gard, Hérault, Pyrénées-Orientales (ħlief għall-cantons ta' Olette u Arles-sur-Tech), Vaucluse,

— fil-parti tad-dipartiment ta' Var li tmiss min-naħa tan-nofsinhar mal-limitu tat-tramuntana tal-komuni ta' Evenos, Le Beausset, Solliès-Toucas, Cuers, Puget-Ville, Collobrières, La Garde-Freinet, Plan-de-la-Tour u Sainte-Maxime,

— fl-arrondissement ta' Nyons u l-canton ta' Loriol-sur-Drôme fid-dipartiment ta' Drôme,

— f'dawk il-partijiet tad-dipartiment ta' Ardèche li mhumiex elenkati fil-paragrafu 3(a);

(b) fl-Italja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni segwenti: Abruzzo, Campania, Emilja-Romanja, Frijuli-Venezja Ġulja, Lazjo, Ligurja, Lombardija (minbarra l-provinċja ta' Sondrio), Marche, Molise, Pjemonte, Toskana, Umbrija, Veneto minbarra l-provinċja ta' Belluno, inklużi l-gżejjer li jiffurmaw parti minn dawk ir-reġjuni, bħal ma huma Elba u l-gżejjer l-oħrajn tal-arċipelago Toskan, il-gżejjer Ponziane, Kapri u Iskja;

(c) fi Spanja, iż-żoni bid-dwieli fil-provinċji li ġejjin:

— Lugo, Orense, Pontevedra;

— Ávila (minbarra l-komuni li jikkorrispondu mal-'comarca' denominata tal-inbid ta' Cebreros), Burgos, León, Palencia, Salamanca, Segovia, Soria, Valladolid, Zamora;

— La Rioja,

— Álava,

— Navarra,

— Huesca,

— Barċellona, Ġirona, Lleida,

— f'dik il-parti tal-provinċja ta' Zaragoza li tinsab fit-tramuntana tax-xmara Ebro,

— f'dawk il-komuni tal-provinċja ta' Tarragona inklużi fid-denominazzjoni tal-oriġini tal-Penedés,

— f'dik il-parti tal-provinċja ta' Tarragona li tikkorrispondi mal-inbid denominat 'comarca' ta' Conca de Barberá;

(d) fis-Slovenja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin: Brda or Goriška Brda, Vipavska dolina or Vipava, Kras u Slovenska Istra;

(e) fil-Bulgarija, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin: Dunavska Ravnina (Дунавска равнина), Chernomorski Rayon (Черноморски район), Rozova Dolina (Розова долина);

(f) fir-Rumanija, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin: Dealurile Buzăului, Dealu Mare, Severinului u Plaiurile Drâncei, Colinele Dobrogei, Terasele Dunării, ir-reġjun tal-inbid tan-Nofsinhar, inklużi r-ramliet u reġjuni oħrajn favorevoli.

5. Iż-żona ta' vitikultura C III (a) tinkludi:

(a) fil-Greċja, iż-żoni bid-dwieli fin-nomoi li ġejjin: Florina, Imathia, Kilkis, Grevena, Larisa, Ioannina, Levkas, Akhaia, Messinia, Arkadia, Korinthia, Iraklio, Khania, Rethimni, Samos, Lasithi u l-gżira ta' Thira (Santorini);

(b) f'Ċipru, iż-żoni mħawlin bid-dwieli li jinsabu f'altitudni 'l fuq minn 600 metru;

(c) fil-Bulgarija, iż-żoni mħawlin bid-dwieli mhux inklużi fil-paragrafu 4(e).

6. Iż-żona ta' vitikultura C III (b) tinkludi:

(a) fi Franza, iż-żoni mħawlin bid-dwieli:

— fid-dipartimenti ta' Korsika,

— f'dik il-parti tad-dipartiment ta' Var li tinsab bejn il-baħar u l-linja li tmiss mal-komuni (li huma wkoll inklużi) ta' Evenos, Le Beausset, Solliès-Toucas, Cuers, Puget-Ville, Collobrières, La Garde-Freinet, Plan-de-la-Tour u Sainte-Maxime;

— fil-cantons ta' Olette u Arles-sur-Tech fid-dipartiment ta' Pyrénées-Orientales;

(b) fl-Italja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni segwenti: Kalabrija, Basilikata, Apulja, Sardinja u Sqallija, inklużi l-gżejjer li jiffurmaw part minn dawn ir-reġjuni, bħal ma huma Pantellerija u l-Gżejjer Lipari, Egadi u Pelaġi;

(c) fil-Greċja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli mhux elenkati fil-paragrafu 5(a);

(d) fi Spanja: iż-żoni mħawlin bid-dwieli mhux elenkati fil-paragrafi 3(c) jew 4(c);

(e) fil-Portugall, iż-żoni bid-dwieli fir-reġjuni mhux elenkati fil-paragrafu 3(d);

(f) f'Ċipru, iż-żoni bid-dwieli li jinsabu f'altitudnijiet li ma jaqbżux is-600 metru;

(g) f'Malta, iż-żoni mħawlin bid-dwieli.

7. Id-demarkazzjoni tat-territorji koperti bl-unitajiet amministrattivi msemmija f'dan l-Anness hija dik li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 1981 u, għal Spanja, mid-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1986 u, għall-Portugall, mid-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998."

*ANNESS IV*

*"ANNESS XVa*

## ARRIKKIMENT, AĊIDIFIKAZZJONI U DIAĊIDIFIKAZZJONI F'ĊERTI ŻONI TA' VITIKULTURA

A. **Limiti ta' arrikkiment**

1. Fejn il-kondizzjonijiet klimatiċi jkunu ħolqu l-ħtieġa li f'ċerti żoni ta' vitikultura tal-Komunità msemmijin fl-Appendiċi għall-Anness XIb, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jippermettu żieda fil-qawwa alkoħolika naturali bil-volum tal-għeneb frisk, il-most tal-għeneb, il-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni, l-inbid ġdid fil-fermentazzjoni, u l-inbid miksub minn varjetajiet ta' għeneb tal-inbid klassifikabbli skont il-Artikolu 120a(2).

2. Iż-żieda fil-qawwa alkoħolika naturali bil-volum għandha ssir permezz tal-prattiki enoloġiċi msemmija fil-punt B, u ma għandhiex taqbeż il-limiti li ġejjin:

   (a) 3 % vol. fiż-żona tal-vitikultura A imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb;

   (b) 2 % vol. fiż-żona tal-vitikultura B imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb;

   (c) 1.5 % vol. fiż-żona tal-vitikultura C imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb;

3. Fi snin li matulhom il-kondizzjonijiet klimatiċi jkunu eċċezzjonalment negattivi, l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-limitu/i stabbilit/i fil-paragrafu 2 jiżdied/u b'0.5 %. Bi tweġiba għal talba bħal din, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-abbozz ta' miżura leġiżlattiva lill-Kumitat tat-Tmexxija previst fl-Artikolu 195(1), mill-aktar fis possibbli. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tieħu deċiżjoni fi żmien erba' ġimgħat wara li tkun tressqet it-talba.

B. **Proċessi ta' arrikkiment**

1. Iż-żieda mal-qawwa naturali alkoħolika skont il-volum ipprovduta fil-punt A tista' ssir biss:

   (a) fir-rigward tal-għeneb frisk, il-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni jew tal-inbid ġdid fil-fermentazzjoni, permezz taż-żieda tas-sukrosju, il-most tal-għeneb konċentrat jew il-most tal-għeneb konċentrat u rettifikat;

   (b) fir-rigward tal-most, biż-żieda tas-sukrosju, il-most tal-għeneb konċentrat jew tal-most tal-għeneb konċentrat u rrettifikat, jew bil-konċentrazzjoni parzjali, li tinkludi r-reverse osmosis;

   (c) fir-rigward tal-inbid, bil-konċentrazzjoni parzjali permezz tat-tkessiħ.

2. Il-proċessi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu reċiprokament esklussivi meta l-inbid jew il-most tal-għeneb huwa arrikkit b'most tal-għeneb konċentrat jew most tal-għeneb konċentrat irrettifikat u meta tithallas għajnuna skont l-Artikolu 103y.

3. Iż-żieda tas-sukrosju prevista fil-paragrafu 1(a) u (b) tista' titwettaq biss permezz ta' zokkor fix-xott u biss fiż-żoni li ġejjin:

   (a) iż-żona tal-vitikultura A imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb;

   (b) iż-żona tal-vitikultura B imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb;

   (c) iż-żona ta' vitikultura C msemmija fl-Anness XIb, bl-eċċezzjoni tal-vinji tal-Italja, il-Greċja, Spanja, il-Portugall, Ċipru u l-vinji tad-dipartimenti Franċiżi taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-appell ta':

      — Aix-en-Provence,

      — Nîmes,

      — Montpellier,

      — Toulouse,

      — Agen,

— Pau,

— Bordeaux,

— Bastia.

Madankollu, l-arrikkiment biż-żieda taz-zokkor fix-xott jista' jiġi awtorizzat mill-awtoritajiet nazzjonali bħala eċċezzjoni fid-dipartimenti Franċiżi msemmijin hawn fuq. Franza għandha minnufih tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bi kwalunkwe tali awtorizzazzjoni.

4. Iż-żieda ta' most tal-għeneb konċentrat jew most tal-għeneb konċentrat u rrettifikat ma għandhiex tirriżulta f'żieda tal-volum inizjali ta' għeneb frisk misħuq, most tal-għeneb, most tal-għeneb fil-fermentazzjoni jew inbid ġdid li għadu fil-fermentazzjoni b'aktar minn 11 % fiż-żona tal-vitikultura A, 8 % fiż-żona tal-vitikultura B u 6,5 % fiż-żona tal-vitikultura C msemmijin fl-Appendiċi għall-Anness XIb.

5. Il-konċentrazzjoni tal-most tal-għeneb jew tal-inbid soġġett għall-proċessi msemmija fil-paragrafu 1:

(a) m'għandhiex ikollha l-effett li tnaqqas il-volum inizjali ta' dawn il-prodotti b'iktar minn 20 %;

(b) minkejja l-punt A(2)(c), m'għandhiex iżżid il-qawwa alkoħolika naturali bil-volum ta' dawn il-prodotti b'iktar minn 2 % vol.

6. Il-proċessi msemmija fil-paragrafi 1 u 5 m'għandhomx jgħollu l-qawwa alkoħolika totali bil-volum tal-għeneb frisk, tal-most tal-għeneb, tal-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni, tal-inbid ġdid għadu fil-fermentazzjoni, jew tal-inbid:

(a) fiż-żona ta' vitikultura A msemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb għal aktar minn 11,5 % vol.,

(b) fiż-żona ta' vitikultura B msemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb għal aktar minn 12 % vol.,

(c) fiż-żona ta' vitikultura C I imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb għal aktar minn 12,5 % vol.,

(d) fiż-żona ta' vitikultura C II imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb għal aktar minn 13 % vol., u

(e) fiż-żona ta' vitikultura C III imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb għal aktar minn 13,5 % vol.,

7. B'deroga mill-paragrafu 6, l-Istati Membri jistgħu:

(a) fir-rigward tal-inbid aħmar, jgħollu l-limitu massimu tal-qawwa alkoħolika totali tal-prodotti msemmijin fil-paragrafu 6 għal 12 % vol. fiż-żona ta' vitikultura A, u għal 12.5 % vol. fiż-żona ta' vitikultura B msemmijin fl-Appendiċi għall-Anness XIb;

(b) jgħollu l-qawwa alkoħolika totali bil-volum tal-prodotti msemmijin fil-paragrafu 6, għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini għal livell li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri.

C. **Aċidifikazzjoni u diaċidifikazzjoni**

1. L-għeneb frisk, il-most tal-għeneb, il-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni, l-inbid ġdid li jkun fil-fermentazzjoni u l-inbid jistgħu jkunu suġġetti għal:

(a) diaċidifikazzjoni fiż-żoni ta' vitikultura A, B u C I imsemmijin fl-Appendiċi għall-Anness XIb;

(b) aċidifikazzjoni u diaċidifikazzjoni fiż-żoni ta' vitikultura C I, C II u C III (a) imsemmijin fl-Appendiċi għall-Anness XIb, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7; jew

(c) aċidifikazzjoni fiż-żona ta' vitikultura C III (b) imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb.

2. L-aċidifikazzjoni tal-prodotti, għajr tal-inbid, imsemmija fil-paragrafu 1, tista' ssir biss sal-limitu ta' 1,50 g/l espress bħala aċidu tartariku, jew 20 milliekwivalenti għal kull litru.

3. L-aċidifikazzjoni tal-inbejjed tista' sseħħ biss sal-limitu ta' 2,50 g/l espress bħala aċidu tartariku, jew 33,3 milliekwivalenti għal kull litru.

4. Id-diaċidifikazzjoni tal-inbejjed tista' ssir biss sal-limitu ta' 1 g/l, espress bħala aċidu tartariku, jew 13,3 milliekwivalenti għal kull litru.

5. Il-most tal-għeneb maħsub għall-konċentrazzjoni jista' jiġi diaċidifikat parzjalment.

6. Minkejja l-paragrafu 1, fi snin li matulhom il-kondizzjonijiet klimatiċi jkunu eċċezzjonalment negattivi, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-aċidifikazzjoni tal-prodotti msemmijin fil-paragrafu 1 fiż-żoni ta' vitikultura A u B, imsemmijin fl-Appendiċi għall-Anness XIb, taħt il-kundizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3.

7. L-aċidifikazzjoni u l-arrikkiment, għajr b'deroga li trid tiġi deċiża mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), u l-aċidifikazzjoni u d-diaċidifikazzjoni tal-istess prodott wieħed, għandhom ikunu proċessi reċiprokament esklussivi.

D. **Proċessi**

1. L-ebda wieħed mill-proċessi msemmijin fil-punti B u C, għajr l-aċidifikazzjoni u d-diaċidifikazzjoni tal-inbejjed, ma jista' jiġi awtorizzat sakemm ma jsirx, taħt kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), fiż-żmien meta l-għeneb frisk, il-most tal-għeneb, il-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni jew l-inbid ġdid li għadu fil-fermentazzjoni jkunu qed jiġu ttrasformati f'inbid jew fi kwalunkwe xorb ieħor maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem imsemmi fl-Artikolu 1(1)(l), għajr l-inbid frizzanti jew l-inbid frizzanti bil-gass fiż-żona ta' vitikultura fejn ikun sar il-ħsad tal-għeneb frisk użat.

2. Il-konċentrazzjoni tal-inbejjed għandha ssir fiż-żona ta' vitikultura fejn ikun sar il-ħsad tal-għeneb frisk użat.

3. L-aċidifikazzjoni u d-diaċidifikazzjoni tal-inbejjed għandhom isiru biss fl-impriża fejn jiġi prodott l-inbid u fiż-żona ta' vitikultura fejn ikun sar il-ħsad tal-għeneb użat għall-produzzjoni tal-inbid ikkonċernat.

4. Kull wieħed mill-proċessi msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti. L-istess jgħodd fir-rigward tal-kwantitajiet ta' most tal-għeneb konċentrat, most konċentrat u rrettifikat jew sukrosju miżmum, fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom, minn persuni jew gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, partikolarment produtturi, bottiljaturi, proċessuri u negozjanti, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4), fl-istess żmien u fl-istess post bħall-għeneb frisk, il-most tal-għeneb, il-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni jew l-inbid bl-ingrossa. Madankollu, in-notifika ta' dawn il-kwantitajiet tista' tinbidel bid-dħul f'reġistru tal-prodotti li jidħlu u tal-użu tal-ħażniet.

5. Kull wieħed mill-proċessi msemmija fil-punti B u C għandu jkun irreġistrat fuq id-dokument ta' akkumpanjament, kif previst fl-Artikolu 185c, li permezz tiegħu l-prodotti li jkunu għaddew mill-proċessi jitpoġġew fiċ-ċirkolazzjoni.

6. Dawk il-proċessi, soġġetti għal derogi ġġustifikati minn kondizzjonijiet tal-klima eċċezzjonali, ma jistgħux isiru:

   (a) fiż-żona tal-vitikultura C imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XIb, wara l-1 ta' Jannar;

   (b) fiż-żoni ta' vitikultura A u B imsemmijin fl-Appendiċi għall-Anness XIb, wara s-16 ta' Marzu, u għandhom isiru biss għal prodotti tal-ħsad tal-għeneb li jkun sar immedjatament qabel dawk id-dati.

7. Minkejja l-paragrafu 6, il-konċentrazzjoni permezz tat-tkessiħ u l-aċidifikazzjoni u d-diaċidifikazzjoni tal-inbejjed jistgħu jsiru matul is-sena.

*ANNESS XVb*

**RESTRIZZJONIJIET**

A. **Termini ġenerali**

1. Il-prattiki enoloġiċi awtorizzati kollha għandhom jeskludu ż-żieda tal-ilma, għajr fejn tkun meħtieġa bħala neċessità teknika speċifika.

2. Il-prattiki enoloġiċi awtorizzati kollha għandhom jeskludu ż-żieda tal-alkoħol, għajr il-prattiki marbuta mal-ksib ta' most tal-għeneb frisk bil-fermentazzjoni mmewta biż-żieda tal-alkoħol, l-inbid likur, l-inbid frizzanti, l-inbid imqawwi għad-distillazzjoni u l-inbid semifrizzanti.

3. L-inbid imqawwi għad-distillazzjoni jista' jintuża għad-distillazzjoni biss.

B. **Għeneb frisk, -most tal-għeneb u meraq tal-għeneb**

1. Il-most frisk tal-għeneb bil-fermentazzjoni mmewta biż-żieda tal-alkoħol għandu jintuża biss matul l-istadju tat-tħejjija tal-prodotti li ma jaqgħux taħt il-kodiċijiet NM 2204 10, 2204 21 u 2204 29. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar stretti li l-Istati Membri jistgħu japplikaw għat-tħejjija fit-territorju tagħhom ta' prodotti li ma jaqgħux taħt il-kodiċijiet NM 2204 10, 2204 21 u 2204 29.

2. Il-meraq tal-għeneb u l-meraq tal-għeneb konċentrat ma jistgħux ikunu ttrasformati fi nbid jew jiżdiedu mal-inbid. Ma jistgħux jgħaddu minn fermentazzjoni alkoħolika fit-territorju tal-Komunità.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal prodotti maħsubin għall-produzzjoni, fir-Renju Unit, fl-Irlanda u fil-Polonja, ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 2206 00, li għalihom l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu ta' isem kompost li jinkludi l-kelma 'nbid'.

4. Il-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni estratt minn għeneb imqadded, jista' jitqiegħed fis-suq biss għall-produzzjoni ta' nbejjed likur, esklussivament fir-reġjuni ta' vitikultura fejn dan l-użu kien tradizzjonali fl-1 ta' Jannar 1985, u għall-produzzjoni ta' nbid minn għeneb misjur iżżejjed.

5. Sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor mill-Kunsill skont l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, l-għeneb frisk, il-most tal-għeneb, il-most tal-għeneb fil-fermentazzjoni, il-most tal-għeneb konċentrat, il-most tal-għeneb konċentrat u rrettifikat, il-most tal-għeneb bil-fermentazzjoni mmewta biż-żieda tal-alkoħol, il-meraq tal-għeneb, il-meraq tal-għeneb konċentrat u l-inbid, jew it-taħlit ta' dawk il-prodotti, li joriġinaw f'pajjiżi terzi, ma jistgħux jiġu ttrasformati fil-prodotti msemmijin fl-Anness XIb jew jiżdiedu ma' tali prodotti fit-territorju tal-Komunità.

C. **Taħlit ta' nbejjed**

Sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor mill-Kunsill skont l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, it-taħlit (coupage) ta' nbid li joriġina minn pajjiż terz ma' nbid Komunitarju, u t-taħlit bejn inbejjed li joriġinaw minn pajjiżi terzi, huwa pprojbit fil-Komunità.

D. **Prodotti sekondarji**

1. It-tagħsir żejjed tal-għeneb huwa pprojbit. B'kont meħud tal-kondizzjonijiet lokali u tekniċi, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu l-kwantità minima ta' alkoħol li għandu jkun hemm fir-residwu u fil-karfa wara l-għasra tal-għeneb.

   Il-kwantità ta' alkoħol li jinsab f'dawk il-prodotti sekondarji għandha tiġi deċiża mill-Istati Membri f'livell li jkun talanqas ugwali għal 5 % f'relazzjoni mal-volum ta' alkoħol li jinsab fl-inbid prodott.

2. Għajr għall-alkoħol, għall-ispirti u għall-piquette, ma għandu jiġi prodott mill-karfa tal-inbid jew mir-residwu mill-għasra l-ebda nbid jew xorb ieħor għall-konsum dirett mill-bniedem. It-tferrigħ tal-inbid fil-karfa jew ir-residwu mill-għasra jew il-polpa tal-aszú magħsura għandhom ikunu permessi taħt kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4) fejn tali prattika tintuża tradizzjonalment għall-produzzjoni ta' 'Tokaji fordítás' u 'Tokaji máslás' fl-Ungerija u 'Tokajský forditáš' u 'Tokajský mášláš' fis-Slovakkja.

3. It-tagħsir tal-karfa tal-inbid u l-fermentazzjoni mill-ġdid tar-residwi mill-għasra għal skopijiet lil hinn mid-distillazzjoni jew il-produzzjoni tal-piquette huma pprojbiti. L-iffiltrar u ċ-ċentrifugazzjoni tal-karfa tal-inbid ma għandhomx jitqiesu bħala tagħsir fejn il-prodotti miksubin ikunu ta' kwalità ġenwina, f'saħħitha u tajba għall-kummerċ.

4. Il-piquette, fejn il-produzzjoni tagħha tkun awtorizzata mill-Istat Membru kkonċernat, tista' tintuża biss għad-distillazzjoni jew għall-konsum mill-familji tal-vitikulturi.

5. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jeħtieġu l-qerda tal-prodotti sekondarji permezz tad-distillazzjoni, kwalunkwe persuna jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jżommu prodotti sekondarji għandhom jintalbu jeqirduhom soġġett għall-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(4)."

*ANNESS V*

"47. **Regolament (KE) Nru 479/2008**

| Regolament (KE) Nru 479/2008 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1(1)(l) |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 u Parti IIIa tal-Anness III |
| Artikolu 3 | Artikolu 103i |
| Artikolu 4 | Artikolu 103j |
| Artikolu 5 | Artikolu 103k |
| Artikolu 6 | Artikolu 103 l |
| Artikolu 7 | Artikolu 103 m |
| Artikolu 8 | Artikolu 103n |
| Artikolu 9 | Artikolu 103o |
| Artikolu 10 | Artikolu 103p |
| Artikolu 11 | Artikolu 103q |
| Artikolu 12 | Artikolu 103r |
| Artikolu 13 | Artikolu 103s |
| Artikolu 14 | Artikolu 103t |
| Artikolu 15 | Artikolu 103u |
| Artikolu 16 | Artikolu 103v |
| Artikolu 17 | Artikolu 103w |
| Artikolu 18 | Artikolu 103x |
| Artikolu 19 | Artikolu 103y |
| Artikolu 20 | Artikolu 103z |
| Artikolu 21(1) | Artikolu 188a(5) |
| Artikolu 21(2) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 188a(6) |
| Artikolu 21(2) it-tieni subparagrafu | Artikolu 184 punt 5) |
| Artikolu 22 l-ewwel paragrafu u l-punti (a) sa (d) tat-tieni paragrafu | Artikolu 103za |
| Artikolu 22 it-tieni subparagrafu, punt (e) | Artikolu 188a(7) |
| Artikolu 23 | Artikolu 190a |
| Artikolu 24 | Artikolu 120a(2) sa (6) |
| Artikolu 25(1) | Artikolu 120a(1) |
| Artikolu 25(2), (3) u (4) | Artikolu 113d |
| Artikolu 26 | Artikolu 120b |

| Regolament (KE) Nru 479/2008 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 27 | Artikolu 120c |
| Artikolu 28 | Artikolu 120d |
| Artikolu 29 | Artikolu 120e |
| Artikolu 30 | Artikolu 120f |
| Artikolu 31 | Artikolu 120 g |
| Artikolu 32 | Artikolu 121 it-tielet u r-raba' paragrafi |
| Artikolu 33 | Artikolu 118a |
| Artikolu 34 | Artikolu 118b |
| Artikolu 35 | Artikolu 118c |
| Artikolu 36 | Artikolu 118d |
| Artikolu 37 | Artikola 118e |
| Artikolu 38 | Artikolu 118f |
| Artikolu 39 | Artikolu 118 g |
| Artikolu 40 | Artikolu 118h |
| Artikolu 41 | Artikolu 118i |
| Artikolu 42 | Artikolu 118j |
| Artikolu 43 | Artikolu 118k |
| Artikolu 44 | Artikolu 118 l |
| Artikolu 45 | Artikolu 118 m |
| Artikolu 46 | Artikolu 118n |
| Artikolu 47 | Artikolu 118o |
| Artikolu 48 | Artikolu 118p |
| Artikolu 49 | Artikolu 118q |
| Artikolu 50 | Artikolu 118r |
| Artikolu 51 | Artikolu 118s |
| Artikolu 52 | Artikolu 121 l-ewwel paragrafu punt (k) |
| Artikolu 53 | Artikolu 118t |
| Artikolu 54 | Artikolu 118u |
| Artikolu 55 | Artikolu 118v |
| Artikolu 56 | Artikolu 121 l-ewwel paragrafu punt (l) |
| Artikolu 57 | Artikolu 118w |
| Artikolu 58 | Artikolu 118x |
| Artikolu 59 | Artikolu 118y |

| Regolament (KE) Nru 479/2008 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 60 | Artikolu 118z |
| Artikolu 61 | Artikolu 118za |
| Artikolu 62 | Artikolu 118zb |
| Artikolu 63 | Artikolu 121 l-ewwel paragrafu punt (m) |
| Artikolu 64(1)(a), (b) u (c)(i) sa (iv) | Artikolu 122 it-tieni paragrafu |
| Artikolu 64(1)(c)(v)-(viii) | Artikolu 122, it-tielet paragrafu |
| Artikolu 64(1)(d) | Artikolu 122 it-tielet paragrafu |
| Artikolu 64(1)(e) | Artikolu 125o(1)(a) |
| Artikolu 64(2) | Artikolu 125o(2) |
| Artikolu 65(1)(a), (b) u (c) | Artikolu 123(3) |
| Artikolu 65(1)(d) | Artikolu 125o(1)(b) |
| Artikolu 65(2) | Artikolu 125o(2) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 66(1) | — |
| Artikolu 66(2) | Artikolu 125o(3) |
| Artikolu 67 | Artikolu 113c(1) u (2) |
| Artikolu 68 | Artikolu 125o(3) |
| Artikolu 69 | Artikoli 113c(3) u 125o(3) |
| Artikolu 70(1) | Artikolu 135 |
| Artikolu 70(2) | Artikolu 128 |
| Artikolu 71 | Artikolu 129 |
| Artikolu 72 | Artikolu 130 u 161 |
| Artikolu 73 | Artikoli 131 u 161(2) |
| Artikolu 74 | Artikoli 132 u 161(2) |
| Artikolu 75 | Artikoli 133 u 161(2) |
| Artikolu 76 | Artikolu 133a |
| Artikolu 77 | Artikolu 134 u 170 |
| Artikolu 78 | Artikolu 159 |
| Artikolu 79 | Artikolu 141(1) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 80 | Artikoli 160 u 174 |
| Artikolu 81 | Artikolu 143 |
| Artikolu 82 | Artikolu 158a |
| Artikolu 83 | Artikolu 144 |
| Artikolu 84(a) | Artikolu 158a(4) |

| Regolament (KE) Nru 479/2008 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 84(b) u (c) | Artikolu 148(a) u (b) |
| Artikolu 85(1) sa (3) u (5) | Artikolu 85a |
| Artikolu 85(4) | Artikolu 188a(1) |
| Artikolu 86(1) sa (4) u (6) | Artikolu 85b |
| Artikolu 86(5) | Artikolu 188a(2) |
| Artikolu 87 | Artikolu 85c |
| Artikolu 88 | Artikolu 85d |
| Artikolu 89 | Artikolu 85e |
| Artikolu 90 | Artikolu 85 g |
| Artikolu 91 | Artikolu 85h |
| Artikolu 92 | Artikolu 85i |
| Artikolu 93 | Artikolu 85j |
| Artikolu 94 | Artikolu 85k |
| Artikolu 95 | Artikolu 85 l |
| Artikolu 96 | Artikolu 85 m |
| Artikolu 97 | Artikolu 85n |
| Artikolu 98 | Artikolu 85p |
| Artikolu 99 | Artikolu 85o |
| Artikolu 100 | Artikolu 85q |
| Artikolu 101 | Artikolu 85r |
| Artikolu 102(1) sa (4) u (5) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 85s |
| Artikolu 102(5), it-tieni subparagrafu u l-paragrafu 6 | Artikolu 188a(3) |
| Artikolu 103 | Artikolu 85t |
| Artikolu 104(1) sa (7) u (9) | Artikolu 85u |
| Artikolu 104(8) | Artikolu 188a(4) |
| Artikolu 105 | Artikolu 85v |
| Artikolu 106 | Artikolu 85w |
| Artikolu 107 | Artikolu 85x |
| Artikolu 108 | Artikolu 185a(1) u (2) |
| Artikolu 109 | Artikolu 185a(3) |
| Artikolu 110 | Artikolu 185a(4) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 111 | Artikolu 185b |
| Artikolu 112 | Artikolu 185c |

| Regolament (KE) Nru 479/2008 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 113(1) | Artikolu 195(2) |
| Artikolu 113(2) | Artikolu 195 (3) u (4) |
| Artikolu 114 | Artikolu 190 |
| Artikolu 115 | Artikolu 192 |
| Artikolu 116 | Artikolu 194 ir-raba' u l-ħames paragrafi |
| Artikolu 117(a) | Artikolu 194 it-tielet paragrafu |
| Artikolu 117(b) sa (e) | Artikolu 194 l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 118 | Artikolu 185d |
| Artikolu 119 | Artikolu 182a(1) sa (5) |
| Artikolu 120 | Artikolu 184 punt 6) |
| Artikolu 121(a), (b) u (c) | Artikolu 185a(4) l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 194 it-tielet paragrafu |
| Artikolu 121(d) u (e) | Artikolu 185b(4) |
| Artikolu 121(f) | Artikolu 185c(3) |
| Artikolu 121(g) | Artikolu 182a(6) |
| Artikolu 122 - 125 | — |
| Artikolu 126(a) | Artikolu 203b |
| Artikolu 126 (b) | Artikolu 191 |
| Artikolu 127(1) | Artikolu 180 l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 127(2) | Artikolu 180 it-tieni paragrafu |
| Artikolu 129(3) | Artikolu 85f" |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT